



Brussell, 10 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15086/18

CFSP/PESC 1150
COPS 470
CSDP/PSDC 712
COHOM 161
RELEX 1047

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 14943/18

Suġġett: Nisa, Paċi u Sigurtà

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (10 ta' Diċembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà kif adottati fit-3662 laqgħa tal-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IN-NISA, IL-PAĊI U S-SIGURTÀ

IL-KUNSILL adotta l-Konklużjonijiet li ġejjin:

1. L-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tal-valuri Ewropej u jikkostitwixxu prioritajiet awtonomi integrati fl-oqsma kollha tal-politiki tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill ifakkar fl-impenji tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (WPS), li tikkonsisti fir-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) u r-riżoluzzjonijiet ta' segwitu tagħha, filwaqt li jiżguraw li tiġi integrata għal kollox fl-isforzi kollha tal-UE b'appoġġ għall-paċi, is-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja u l-iżvilupp sostenibbli, fil-kuntest tal-kooperazzjoni tal-UE ma' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali oħra kif previst mill-Istrateġija Globali tal-UE. Dan għandu jsir billi jiġu integrati l-perspettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki kollha tal-UE, inkluż is-sigurtà, il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, kif ukoll il-bini tal-paċi fuq perijodu twil. F'dan ir-rigward, l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar id-WPS fin-NU.
2. Il-Kunsill jilqa' l-Approċċ Strateġiku ġdid tal-UE għan-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS), li jibni fuq u jissostitwixxi l-Approċċ Komprensiv tal-2008 għall-implimentazzjoni mill-UE tal-UNSCRs 1325 u 1820 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà. L-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS jenfasizza l-ħtieġa għal impenji u azzjonijiet konkreti kif ukoll il-ħtieġa li n-nisa u l-bniet ikunu involuti, tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom, u jkunu protetti u appoġġati sabiex jinkisbu paċi u sigurtà sostenibbli u dejjiema bħala komponenti intrinסיċi tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha u l-Kunsens għall-Iżvilupp. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-approċċ tal-aġenda dwar id-WPS fl-indirizzar tal-vjolenza sesswali relatata mal-kunflitti bħala parti minn serje kontinwa ta' vulnerabbiltajiet u vjolenza bbażati fuq il-ġeneru marbuta mill-qrib ma' inugwaljanzi persistenti u attakki usa' fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u tal-bniet, inkluż il-vjolenza online, diġitali u dik ċibernetika.

3. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-aġenda dwar id-WPS għandha tingħata effett f'kull azzjoni esterna tal-UE u bħala tali hija element importanti tal-Approċċ Integrat għall-kunflitti u l-kriżijiet esterni, meta wieħed iqis l-isfidi kif stipulati fl-Istudju Globali tan-NU dwar l-UNSCR 1325. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha li jkomplu jużaw l-analiżi tal-ġeneru, jiġbru data diżaggregata (inkluż iżda mhux neċessarjament limitata għal sess, età u diżabbiltà) u jintegraw il-perspettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi-bħala strateġija ewlenija, flimkien ma' bilanċ bejn is-sessi u azzjonijiet speċifiċi biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, fl-oqfsa ta' politika rilevanti kollha inkluż fl-oqfsa tal-politika barranija u ta' sigurtà, l-iżvilupp, il-kummerċ, il-finanzi, l-għajnuna umanitarja, il-migrazzjoni, il-ġustizzja u l-edukazzjoni, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu.
4. L-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS jidentifika azzjonijiet taħt l-oqfsa ewlenin tal-prevenzjoni, il-protezzjoni, is-sokkors u l-irkupru u taħt iż-żewġ aspetti globali u trasversali tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-parteċipazzjoni. Dawn l-azzjonijiet huma interkonnessi u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-fatt li d-diversità u l-elementi trasversali tal-identitajiet huma rikonoxxuti fl-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS inkluż l-enfasi mqiegħda fuq l-implimentazzjoni tiegħu minn u għall-benefiċċju ta' kulħadd. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jibqgħu jiġu involuti l-irġiel u s-subien bħala aġenti pożittivi għall-bidla.
5. Il-Kunsill jafferma li l-implimentazzjoni tal-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS għandha tinkiseb permezz ta' impenn politiku u diplomatiku tat-tmexxija tal-UE, li jippermetti l-parteċipazzjoni ekwa u sinifikattiva tan-nisa fl-azzjoni esterna kollha tal-UE, mhux biss fir-rigward ta' suġġetti tad-drittijiet tan-nisa, iżda l-azzjoni kollha inkluż dwar il-paċi u s-sigurtà.

6. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-Aġenda dwar id-WPS timmira sabiex tiżgura li d-drittijiet, l-aġenzija, u l-protezzjoni tan-nisa u l-bniet jiġu dejjem osservati u rispettati qabel, matul u wara kunflitt. B'hekk, l-Aġenda dwar id-WPS hija applikabbli universalment u għaldaqstant għandha tiġi implimentata internament fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif ukoll fl-azzjoni esterna sabiex l-azzjonijiet jistgħu jkunu koerenti, kredibbli u jħallu impatt. Dan ser jinkiseb permezz tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-parteċipazzjoni tan-nisa f'kull kument, mill-analiżi tal-kunflitti sal-azzjonijiet sussegwenti, inkluż il-faċilitazzjoni tad-djalogu, il-medjazzjoni, in-negozjati għall-paċi u għodod oħra għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti. Dan ser jinkiseb ukoll bl-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi, inkluż it-taħriġ tal-forzi militari u tal-pulizija, immirati lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet.
7. Il-Kunsill ifakkar li r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS hija tal-Istati Membri kif ukoll tal-atturi l-oħra kollha tal-Unjoni Ewropea, inkluż is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), id-Delegazzjonijiet tal-UE, il-Konsulent Prinċipali tas-SEAE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u d-WPS, is-servizzi tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentanti Speċjali tal-UE, u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), li huma l-koll kruċjali għall-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS. Huwa importanti li l-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS jiġi implimentat minn entitajiet li jżommu rabtiet mal-UE, bħal kuntratturi jew organizzazzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi rifless l-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS fl-iżvilupp tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali mill-Istati Membri.
8. Il-Kunsill jilqa' l-komplementarjetà u s-sinerġiji bejn il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (GAP II) u l-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS. Il-Kunsill jissottolinja li kemm l-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS kif ukoll il-GAP II huma oqfsa ta' politika rilevanti biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza li jiffaċċjaw in-nisa u l-bniet. Barra minn hekk, il-Kunsill iħeġġeġ lis-SEAE u lis-servizzi tal-Kummissjoni sabiex ikomplu jesploraw modi simplifikati, faċli għall-utenti u effettivi ta' kejl, monitoraġġ, valutazzjoni u rappurtar tal-progress f'dan il-qasam.

9. Barra minn hekk, il-Kunsill jistenna b'interess l-istabbiliment, sal-ewwel kwart tal-2019, ta' Pjan ta' Azzjoni konċiż, speċifiku, li jista' jitkejjel u jintlaħaq għall-implimentazzjoni u l-promozzjoni effettivi tal-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS. Dan il-Pjan ta' Azzjoni għandu jiġi sinkronizzat mal-GAP II.
10. Il-Kunsill jilqa' l-prospett tat-tisħiħ u l-istabbiliment ta' sħubiji u alleanzi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, multilaterali u reġjonali oħrajn, u b'mod partikolari, il-proposta li jiġu stabbiliti pjattaformi ta' kooperazzjoni formalizzati fil-livelli kollha. Dawn għandhom jinkludu l-ħolqien ta' fora adegwati għall-iskambju ta' esperjenzi u tal-aħjar prattiki u li jrawmu interazzjoni fost il-prattikanti, inkluż konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u punti fokali tad-WPS, kif ukoll l-appoġġ għal networks eżistenti ta' nisa medjaturi għall-implimentazzjoni effettiva u sostenibbli tal-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS.
11. Il-Kunsill jilqa' l-proċess inklużiv segwit għat-tnejn u l-abbozzar tal-Approċċ Strateġiku tal-UE dwar id-WPS permezz ta' djalogu mas-servizzi tal-Kummissjoni, l-Istati Membri tal-UE, il-Konsulenti dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi mill-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), is-sħab tas-soċjetà ċivili, ir-rappreżentanti akkademiċi u sħab reġjonali u multilaterali oħra. Approċċ inklużiv għandu jibqa' wkoll l-prattika ta' ħidma standard għal proċessi ta' abbozzar futuri.
12. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' impenn u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi, sħab, u s-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali, reġjonali u internazzjonali, attivisti ta' bażi u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS u tul iċ-ċiklu kollu tal-politika, mit-tfassil sal-evalwazzjoni. Din il-kooperazzjoni għandha ssir b'mod inklużiv u oġġettiv.
13. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex tirrapporta lura dwar l-attivitajiet u l-progress tat-Task Force Informali tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u dwar l-aktar modi effettivi u l-passi konkreti biex jinkisbu l-oġġettivi sovrastanti tal-UE fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-implimentazzjoni sħiħa tal-aġenda dwar id-WPS.

SEAE, Novembru 2018**Approċċ Strateġiku tal-UE għan-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà
2018****Sommarju Eżekuttiv**

L-Approċċ Strateġiku tal-UE għan-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà tħejja fuq it-talba tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u kien ikkoordinat mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti kollha fil-livell istituzzjonali tal-UE. Huwa jirrappreżenta l-impenn u l-isforzi dejjiema tal-UE biex timplimenta b'mod effettiv ir-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (WPS) u r-riżoluzzjonijiet ta' segwitu tagħha, dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. L-Approċċ Strateġiku tal-UE jinkorpora l-għarfien espert, l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda minn madwar il-qasam u huwa maħsub biex isahha kull stadju ta' dan l-isforz li ser iwassal għal azzjonijiet aktar konkreti u aktar olistiċi biex tissaħħa u tiġi implimentata l-aġenda dwar id-WPS, kemm internament kif ukoll fir-relazzjonijiet esterni kollha tal-UE. Huwa juri wkoll kif id-WPS hija msaħħa mill-oqfsa ta' politika kollha tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

L-ugwaljanza bejn is-sessi huwa prinċipju li jiċċirkola permezz tal-impenji tal-Istituzzjonijiet kollha tal-UE fl-attivitajiet interni u esterni kollha tagħhom u huwa integrat fl-istadji differenti tal-politiki, l-istrateġiji, il-pjanijiet ta' azzjoni u l-proġetti tal-UE dwar l-iżvilupp, l-għajnuna umanitarja, l-edukazzjoni, il-migrazzjoni, eċċ.

L-Approċċ Strateġiku tal-UE jirrikonoxxi l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa bħala prerekwiżit biex jiġi indirizzat iċ-ċiklu tal-kunflitt (prevenzjoni, ġestjoni u riżoluzzjoni); huwa janalizza u jipprovdi eżempji ta' attivitajiet tal-UE u jipprovdi wkoll l-mezzi għall-aktar implimentazzjoni effettiva tal-aġenda dwar id-WPS.

L-Approċċ Strateġiku tal-UE jipprovdi bażi solida biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel - valur fundamentali tal-Unjoni Ewropea - permezz tal-involvement, il-protezzjoni u l-appoġġ tan-nisa u l-bniet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom biex jinkisbu l-paċi u s-sigurtà.

L-Approċċ Strateġiku tal-UE jenfasizza l-importanza tat-tmexxija u l-aġenzija tan-nisa fl-oqsma kollha ta' politika u programmazzjoni relatati mal-paċi u s-sigurtà. Huwa għandu l-għan li jiżgura li n-nisa u l-bniet minn ambjenti differenti u varjabbli jkollhom dritt jieħdu sehem b'mod ekwu u sostanzjali fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, u fil-prevenzjoni tal-vjolenza relatata mal-kunflitt, inkluż kull forma ta' vjolenza sesswali u sessista. Barra minn hekk, l-Approċċ Strateġiku tal-UE jinvolti lill-irġiel u lis-subien bħala aġenti pożittivi għall-bidla, filwaqt li jindirizza l-ħtieġa li l-istereotipi tas-sessi u l-mekkaniżmi ta' esklużjoni mis-soċjetà jiġu indirizzati u trasformati.

L-ewwel parti tad-dokument tistabbilixxi l-prinċipji bażiċi tal-Approċċ Strateġiku tal-UE għall-aġenda dwar id-WPS. Hija tenfasizza l-universalità tal-Aġenda dwar id-WPS, il-karattru vinkolanti tagħha li għandu jiġi implimentat mill-atturi kollha tal-UE u mill-Istati Membri kollha, kif ukoll fl-interazzjonijiet kollha ma' pajjiżi mhux membri tal-UE. Hija tistabbilixxi wkoll l-elementi fundamentali tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi, il-parteċipazzjoni, il-prevenzjoni, il-protezzjoni u s-sokkors u l-irkupru. Iċ-ċentralità tal-analiżi tal-ġeneru u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi huma enfasizzati tajjeb ħafna flimkien mat-tisħiħ tal-oqfsa normattivi tal-UE dwar ugwaljanza sħiħa bejn l-irġiel u n-nisa.

It-tieni parti tidentifika oqsma speċifiċi fejn hija meħtieġa implimentazzjoni msaħħa tal-aġenda dwar id-WPS, inkluż — fost l-oħrajn — it-tisħiħ tas-sjieda lokali, nazzjonali u reġjonali, il-bini tal-kapaċitajiet u t-taħriġ kif ukoll il-proċeduri ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar.

L-aspetti li ġejjin tal-Approċċ Strateġiku tal-UE huma fundamentali:

- L-enfasi fuq it-tmexxija, id-drittijiet u l-aġenzija tan-nisa fl-oqsma kollha tal-politika u l-programmazzjoni relatati mal-paċi u s-sigurtà, ir-rikonoxximent tar-rwoli li n-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien minn ambjenti differenti u varjabbli għandhom fil-kisba tal-paċi u l-ugwaljanza bejn is-sessi u fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti vjolenti, kif ukoll fil-prevenzjoni ta' kull forma ta' vjolenza inkluż vjolenza sesswali u dik sessista. Dan japplika għall-proċessi ta' paċi u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-istrumenti esterni tal-UE kollha, inkluż il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, u l-oqsma ta' politika kollha.
- L-impenn li fl-ippjanar bikri ta' kull azzjoni esterna tal-UE jiġu analizzati u indirizzati l-kawżi fundamentali, marbuta mal-ġeneru, tal-kunflitti u tal-inugwaljanza bejn is-sessi, ġewwa u barra l-UE.
- L-appoġġ sħiħ (politiku u finanzjarju) għall-organizzazzjonijiet lokali, nazzjonali u internazzjonali tas-soċjetà ċivili, inkluż gruppi tan-nisa u attivisti ta' bażi, li jgħinu biex tinbena l-paċi, jiġu sfidati normi vjolenti relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u biex ikunu prevenuti l-vjolenza sesswali u dik sessista, ser ikun ċentrali biex l-UE tikseb suċċess f'dan il-qasam. Dan jinkludi l-involvement minn naħa tal-UE mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC) fejn in-nisa jkollhom rwoli ta' tmexxija, jiddefinixxu l-formulazzjoni tal-istrateġija, jippromwovu s-sjeda lokali u jikkontribwixxu għall-bini tal-kapaċitajiet nazzjonali.
- L-impenn li tiġi sistematikament integrata perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, ibbażata fuq analiżi tal-ġeneru, fl-oqsma u fl-attivitajiet kollha fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà, inkluż f'kull djalogu politiku u strateġiku, fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, fil-proċessi kollha relatati ta' formulazzjoni tal-politika u tat-tfassil tal-politika, fir-riċerka, fl-analiżi u l-valutazzjoni, fl-ippjanar u t-twettiq, kif ukoll fil-proċessi ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar rilevanti.

- L-ugwaljanza bejn is-sessi hija objettiv ewlieni tal-azzjoni esterna kollha tal-UE, inkluż, iżda mhux limitata għall-iżvilupp, il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-estremiżmu vjolenti, il-għieda kontra t-terroriżmu u l-migrazzjoni.
- L-integrazzjoni sistematika ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-interventi/il-mekkaniżmi kollha ta' prevenzjoni tal-kunflitti u ta' bini tal-paċi tal-UE, kif ukoll fir-rekwiżiti tal-UE għas-sħab fl-implimentazzjoni. Għandu jiġi żgurat li jitqiesu s-sitwazzjonijiet, l-esperjenzi u l-ħtiġijiet potenzjalment differenti ta' nisa u rġiel, ta' bniet u subien minn ambjenti differenti fiċ-ċiklu tal-proġett kollu.

B'dan il-mod, l-Approċċ Strateġiku tal-UE jpoġġi l-Aġenda dwar id-WPS fiċ-ċentru tal-ispettru sħiħ tal-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE, bħala għodda essenzjali biex jiġi żgurat li d-drittijiet, l-aġenzija u l-protezzjoni tan-nisa u l-bniet jiġu osservati u rispettati l-ħin kollu, u biex ikun ikkonfermat li f'kull stadju tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tal-istabbiliment tal-paċi, tat-tisħiħ tal-paċi u tar-riabilitazzjoni ta' wara l-kunflitt, in-nisa ta' kull età jkunu assigurati rwol sinifikattiv u ekwu fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Introduzzjoni

1. L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija waħda mill-valuri fundamentali tal-UE skont it-Trattati tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE¹, li tipprojbixxi speċifikament id-diskriminazzjoni. Il-pjan ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għall-2016-2020 (GAP II²) jgħid li l-UE għandha tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-attivitajiet kollha tagħha u għandha tiżgura li dan ir-rekwiżit jiġi implimentat fl-oqsma ta' politika kollha. Il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (BPfA, 1995³) tgħid li l-bilanċ bejn is-sessi u l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi huma ċentrali biex tinkiseb ugwaljanza bejn is-sessi. Il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW⁴) tipprovdi l-bażi biex l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel issir realtà billi tiżgura li n-nisa jkollhom aċċess ugwali għall-ħajja politika u pubblika u opportunitajiet ugwali fihom, kif ukoll aċċess ugwali għall-edukazzjoni, is-saħħa u l-impjiegi. Il-politika tal-UE dwar l-implimentazzjoni globali, reġjonali u nazzjonali tal-aġenda dwar "in-nisa, il-paċi u s-sigurtà" (Aġenda dwar id-WPS⁵) hija kompletament konsistenti mal-valuri u l-obbligi mniżżla f'dawn l-istrumenti.

¹ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2012/C 326/02), (ĠU C 326/391, 26.10.2012).

² L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa: Nittrasformaw il-ħajjiet tal-bniet u tan-nisa permezz tar-relazzjonijiet esterni tal-UE 2016-2020, (SWD(2015) 182 final), 21 ta' Settembru 2015 (il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-2016-2020" (GAP II)) GAP II jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-implimentazzjoni tal-impenji tal-UE fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa mal-pajjiżi sħab u fir-relazzjonijiet esterni kollha tal-UE. Dan ikopri attivitajiet tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) li jinvolvu l-pajjiżi sħab, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, tat-tkabbir u tal-viċinat, inkluż dawk f'sitwazzjonijiet fraġli, ta' wara kunflitt u ta' emerġenza, kif ukoll azzjoni mwettqa mill-Istati Membri tal-UE.

https://ec.europa.eu/europeaid/sites/devco/files/150921_final_swd_gap.pdf

³ Ir-Raba' Konferenza Dinjija tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa: Azzjoni għall-ugwaljanza, l-iżvilupp u l-paċi fl-1995. Dikjarazzjoni tal-Konferenza: Dikjarazzjoni u Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing.

⁴ Ir-riżoluzzjoni 34/180 tan-Nazzjonijiet Uniti, adottata fl-1979 mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

⁵ Skont it-Task Force informali tal-UE dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, il-UNSCRs li ġejjin huma inklużi meta jsir riferiment għall-ħidma fuq l-Aġenda dwar id-WPS; UNSCR 1325 (2000), 1820 (2009), 1888 (2009), 1889 (2010), 1960 (2011), 2106 (2013), 2122 (2013), 2242 (2015), 2272 (2016) u 2331 (2016).

2. L-Istrateġija globali għall-politika estera u ta' sigurtà tal-UE (l-Istrateġija Globali⁶) tafferma mill-ġdid li l-UE tirrikonoxxi u ser tippromwovi r-rwol tan-nisa fl-isforzi għall-paċi, inkluż il-ħtieġa għal tmexxija tan-nisa, mill-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar id-WPS sat-titjib tal-bilanċ intern bejn is-sessi tal-UE. L-Istrateġija Globali għandha wkoll l-għan li żżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fit-tfassil tal-politika barranija. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew qabel li d-WPS, kif ukoll l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, għandhom ikomplu jiġu integrati fl-oqsma ta' politika kollha fl-implimentazzjoni l-Istrateġija Globali. Dan jinkludi l-oqsma ta-sigurtà u d-difiża, l-investiment fir-reżiljenza tal-istati u s-soċjetajiet u l-iżvilupp ta' approċċ integrat lejn il-kunflitti u l-kriżijiet⁷.

⁶ Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Strateġija Globali għall-politika estera u ta' sigurtà tal-Unjoni Ewropea (10715/16), 28.6.2016.

⁷ L-approċċ integrat huwa introdott fl-Istrateġija Globali tal-UE. SEAE (Ġunju 2016). Viżjoni kondiviża, azzjoni komuni. Ewropa aktar b'saħħitha: Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea.

3. Fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp⁸, l-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu lin-nisa u l-bniet bħala aġenti ewlenin tal-iżvilupp u l-bidla, inkluż ir-rwoli tagħhom fil-bini tal-paċi, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u r-rispons umanitarju. Bl-istess mod, il-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja⁹ jenfasizza l-importanza li l-kunsiderazzjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel jiġu integrati fl-għajnuna umanitarja u jirrikonoxxi li l-parteeipazzjoni attiva tan-nisa fl-għajnuna umanitarja hija essenzjali, u li l-UE tintrabat li tippromwovi dan l-involviment. Il-Kunsens dwar l-Għajnuna Umanitarja jgħid ukoll li fl-aspetti kollha tal-assistenza umanitarja għandhom jiġu inkorporati strateġiji ta' protezzjoni kontra l-vjolenza sesswali u dik sessista. Barra minn hekk, il-Kunsens għall-Iżvilupp¹⁰ jorbot lill-UE u lill-Istati Membri tagħha li jindirizzaw l-aspetti kollha tal-prevenzjoni u r-rispons għall-vjolenza sesswali u sessista f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' wara kunflitt, u li jappoġġaw lin-nisa bħala aġenti pożittivi għall-prevenzjoni tal-kunflitti, ir-riżoluzzjoni ta' kunflitti, is-sokkors u l-irkupru u l-bini ta' paċi sostenibbli. Finalment, il-Kunsens għall-Iżvilupp jafferma li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jiżguraw li l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata b'mod sistematiku f'kull politika. Dan ser jgħin biex jinkisbu l-għanijiet tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli¹¹ u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs), inkluż l-SDG 5 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-SDG 6 dwar il-paċi u soċjetajiet inklużivi. Abbażi ta' dawn l-impenji kollha, l-UE ser taċċellera l-isforzi tagħha biex tikseb ugwaljanza bejn is-sessi u biex issaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa pereżempju billi tiżgura u tgħin il-parteeipazzjoni influwenti u attiva tan-nisa u tal-organizzazzjonijiet tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

⁸ Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp ġdid "Id-dinja tagħna, id-dinjità tagħna, il-futur tagħna". Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni (ĠU C 210 tat-30.6.2017, p. 1) (il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp). Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp jidentifika l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa bħala kwistjoni trasversali kritika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE. L-Aġenda 2030 stabbiliet sew l-ugwaljanza bejn is-sessi fiċ-ċentru tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs), mhux biss permezz tal-SDG 5 awtonoma dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-SDG 16 dwar soċjetajiet paċifiċi, iżda anki bħala element ċentrali trasversali għall-kisba tas-17-il SDG kollha kemm huma. https://ec.europa.eu/europeaid/sites/devco/files/european-consensus-on-development-final-20170626_en.pdf

⁹ Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea: Il-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja (2008/C 25/01), 30.1.2008.

¹⁰ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna8.

¹¹ Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli, 21 ta' Ottubru 2015, A/RES/70/1.

Nifhmu l-aġenda "Nisa, Paċi u Sigurtà" (WPS)

4. L-Approċċ Strateġiku l-ġdid tal-UE għad-WPS (minn issa 'l quddiem imsejjaħ l-Approċċ Strateġiku) jistipula l-prinċipji u l-prijoritajiet bażiċi tal-politika tal-UE dwar id-WPS, l-oġettivi ġenerali tagħha, id-definizzjonijiet komuni u l-approċċ komuni tal-UE għall-implimentazzjoni tagħha. Dan jiżgura koerenza bejn u fi ħdan id-diversi strumenti ta' azzjoni esterna tal-UE kif ukoll kontinwità fl-azzjoni esterna bħall-prevenzjoni ta' kunflitti, il-ġestjoni ta' kriżijiet u r-rikostruzzjoni u l-iżvilupp ta' wara kunflitt. Barra minn hekk, l-Approċċ Strateġiku jipprovdi gwida dwar kif jiġi żgurat li l-azzjoni esterna tal-UE tirrispetta bis-sħiħ il-qafas ta' politika komprensiv tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u d-WPS. Huwa jinvolvi lill-atturi rilevanti kollha tal-UE fl-implimentazzjoni tagħha: ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, assistita mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) (inkluż id-delegazzjonijiet tal-UE); is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea; il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK); u r-Rappreżentanti Speċjali tal-UE. Barra minn hekk, l-atturi kollha li magħhom l-UE għandha rabtiet, bħall-kuntratturi, l-organizzazzjonijiet iffinanzjati mill-UE u s-sħab fl-implimentazzjoni, huma mistennija jirrispettaw kemm jista' jkun l-Approċċ Strateġiku.

5. L-Aġenda dwar id-WPS, magħmula mill-UNSCR 1325 (2000) u r-Riżoluzzjonijiet ta' segwitu tagħha tal-KSNU¹², twessa' l-ambitu tal-politika tradizzjonali dwar is-sigurtà billi tenfasizza l-importanza tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-paċi u s-sigurtà. Fil-verità, hija tinkorpora u tikkatalizza bidla importanti fil-paradigma ta' kif għandhom jinkisbu u jinżammu s-sigurtà u l-paċi. Din tiffoka mhux biss fuq il-protezzjoni tan-nisa u l-bniet minn vjolenza relatata mal-kunflitt iżda tiffoka wkoll fuq id-dritt tan-nisa li jieħdu sehem fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. L-Aġenda dwar id-WPS tenfasizza li l-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tiġi integrata fil-kwistjonijiet ta' paċi u ta' sigurtà, u li l-perspettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi huma integrali għall-paċi u s-sigurtà. Barra minn hekk, hija tgħid li sabiex jiġu prevenuti l-kunflitti huwa kruċjali li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-vjolenza li huma relatati mal-ġeneru.
6. L-Aġenda dwar id-WPS tipprova tkopri l-aspetti kollha tal-konnessjoni bejn il-ġeneru u l-kunflitt iżda r-rilevanza tagħha mhix limitata għal sitwazzjonijiet ta' kunflitt. Hija timmira li tiżgura li d-drittijiet, l-aġenzija¹³ u l-protezzjoni tan-nisa u l-bniet ikunu osservati u rispettati qabel, matul, u wara kunflitt, u jkun assigurat rwol sinifikattiv u ekwu għan-nisa ta' kull età fit-teħid tad-deċiżjonijiet f'kull stadju tal-istabbiliment u l-bini tal-paċi. Għaldaqstant, l-Aġenda dwar id-WPS hija f'pożizzjoni ċentrali fl-ispettru sħiħ tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE¹⁴.

¹² L-UNSCRs li ġejjin huma inklużi meta ssir referenza għall-ħidma fuq l-Aġenda dwar id-WPS fi ħdan l-implimentazzjoni tal-Approċċ Strateġiku l-ġdid tal-UE għad-WPS; UNSCR 1325 (2000), 1820 (2009), 1888 (2009), 1889 (2010), 1960 (2011), 2106 (2013), 2122 (2013), 2242 (2015), 2272 (2016) u 2331 (2016).

¹³ Il-Bank Dinji jiddefinixxi aġenzija bħala l-abbiltà ta' individwu (jew ta' grupp) li jagħmel għażliet effettivi u li jitransforma daww l-għażliet fir-riżultati mixtieqa. Aġenzija tista' tinftiehem bħala il-proċess li permezz tiegħu n-nisa u l-irġiel jużaw id-dotazzjonijiet tagħhom u jieħdu vantaġġ minn opportunitajiet ekonomiċi biex jiksbu r-riżultati mixtieqa. Promoting women's agency, <http://siteresources.worldbank.org/INTWDR2012/Resources/7778105-1299699968583/7786210-1315936222006/chapter-4.pdf>

¹⁴ Inkluż, iżda mhux biss, twissija bikrija, prevenzjoni ta' kunflitti, medjazzjoni, riżoluzzjoni ta' kunflitti u rikonċiljazzjoni, rispons għal kriżijiet u stabbilizzazzjoni, bini tal-istat/riforma tas-settur tas-sigurtà, diżarm, nonproliferazzjoni u kontroll tal-armi, żamma tal-paċi, stabbiliment tal-paċi u bini tal-paċi, prevenzjoni u għieda kontra l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu, assistenza umanitarja u assistenza għall-iżvilupp u impenn politiku fir-rigward ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt u fraġilità.

7. L-Aġenda dwar id-WPS hija applikabbli universalment u għandha għalhekk tiġi implimentata mill-atturi kollha tal-UE u mill-Istati Membri kollha, u anki fil-qafas tal-interazzjonijiet ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE. Dan l-impenn għandu jiġi rispettat u segwit b'mod konsistenti anki fil-kuntest tal-kooperazzjoni bilaterali u f'fora internazzjonali. Sabiex il-politika interna u esterna tal-UE tkun koerenti u, għaldaqstant, biex l-azzjoni esterna tal-UE tkun kredibbli u tħalli impatt, jeħtieġ li jiġu approvati kemm id-dimensjoni interna kif ukoll dik esterna tal-Aġenda dwar id-WPS. L-Aġenda dwar id-WPS ser titwettaq permezz tal-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-analiżi kollha tal-paċi u s-sigurtà u f'azzjonijiet sussegwenti u billi jiġu implimentati miżuri speċifiċi li jappoġġaw l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet.
8. L-Aġenda dwar id-WPS tappella biex il-kunsiderazzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi jiġu sistematikament inkorporati fi kwistjonijiet relatati mal-paċi u s-sigurtà. Hija tindirizza l-importanza tal-parteċipazzjoni sinifikattiva u ekwa tan-nisa f'kull forma ta' prevenzjoni ta' kunflitti, mhux biss dawk relatati b'mod dirett ma' kwistjonijiet relatati man-nisa jew mal-ġeneru. Dan jinkludi r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, il-medjazzjoni, il-bini tal-paċi, iż-żamma tal-paċi u r-rispons umanitarju u r-rikostruzzjoni ta' wara kunflitt, inkluż id-demobilizzazzjoni, id-diżarm u r-reintegrazzjoni u r-riforma tas-settur tas-sigurtà. L-Aġenda dwar id-WPS tenfasizza wkoll il-ħtieġa li tkun prevenuta l-vjolenza sesswali u sessista u li n-nisa u l-bniet ikunu protetti minnha. Hija tikkunsidra li l-vjolenza sesswali tista' tikkostitwixxi delitt tal-gwerra, reat kriminali kontra l-umanità jew att ta' ġenoċidju (skont l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali¹⁵). Għaldaqstant, l-Aġenda dwar id-WPS tiffoka fuq id-drittijiet tal-vittmi għall-ġustizzja u r-rimedju għall-vjolenza sesswali u sessista u tenfasizza l-importanza li tintemm l-impunità għal reati tali. Barra minn hekk, hija tagħti lil kull persuna li tkun sofriet minħabba vjolenza sesswali, inklużi tfal imwielda minn stupru, id-dritt li jkollhom aċċess għal informazzjoni komprensiva dwar il-kura tas-saħħa u għas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Dan jinkludi l-aċċess għas-saħħa riproduttiva, il-ġustizzja u l-kumpens u d-dritt għas-sigurtà u li ma jiġux vittimizzati mill-ġdid, miċħuda jew ostracizzati.

¹⁵ L-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali. L-Istatut kien adottat fis-17 ta' Lulju 1998 mill-Konferenza Diplomatika ta' Plenipotenżjarji tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-istabbiliment ta' Qorti Kriminali Internazzjonali. Huwa daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2002.

9. Minkejja li l-approċċ komprensiv tal-UE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-UNSCRs 1325 u 182016 wassal għal suċċessi u għal attenzjoni akbar mill-UE fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isforzi tagħha fir-rigward tal-prevenzjoni ta' kunflitti, ir-riżoluzzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet, għad baqa' ħafna xi jsir permezz ta': l-involviment b'saħħtu fil-livell għoli tal-UE, il-parteċipazzjoni sinifikattiva tan-nisa f'dawn il-proċessi u l-integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma ta' politika kollha. Pereżempju, l-għan tal-Istati Membri kollha tal-UE li bl-allokazzjoni ta' baġit speċifiku, ikollhom Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali (NAP) li jindirizza d-dimensjonijiet interni kif ukoll esterni tal-Aġenda dwar id-WPS, u jipprevedi sorveljanza parlamentari, għadu ma twettaqx. Barra minn hekk, oqsma ta' politika ewlenin għall-azzjoni esterna fost l-oħrajn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti (PCVE), il-ġlieda kontra t-terroriżmu (CT) u kwistjonijiet ġenerali relatati mal-migrazzjoni għadhom oqsma prijoritizzati għal azzjoni mtejba.
10. Ir-rwoli ta' bosta nisa, partikolarment tan-nisa żgħażaġġ, fis-soċjetà għadhom ristretti. Filwaqt li s-sigurtà u s-sikurezza tan-nisa jibqgħu l-oġettivi ewlenin, attenzjoni esklussiva fuq il-protezzjoni issaħħaħ potenzjalment il-perċezzjoni esklussiva tan-nisa u l-bniet bħala vittmi passivi tal-kunflitti u tinjora l-kawżi fundamentali sessisti tal-vjolenza. Filwaqt li huwa importanti li jiġu rikonnoxxuti u indirizzati l-esperjenzi differenti tal-kunflitti li jgħaddu minnhom in-nisa u l-bniet, inkluż il-vjolenza sesswali u sessista, huwa imperattiv li tiġi appoġġata l-ħidma tagħhom fil-qasam tal-bini tal-paċi u li jkunu involuti bħala atturi u aġenti għall-paċi. Madankollu, m'għandux ikun hemm preżunzjoni awtomatika li n-nisa jġibu l-paċi, peress li jiżvolġu rwoli diversi fil-kunflitti u jistgħu jkunu wkoll ġellieda u atturi ta' vjolenza. Huwa meħtieġ approċċ differenzjat għall-kunflitt.

¹⁶ Approċċ Komprensiv għall-implimentazzjoni tal-UE tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (15671/1/08 REV 1), l-1 ta' Diċembru 2008 (l-Approċċ Komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tal-UNSCRs 1325 u 1820 dwar id-WPS).

11. Filwaqt li r-responsabbiltà aħharja għall-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS hija fidejn l-Istati Membri tal-UE, l-atturi kollha tal-UE, inkluż id-delegazzjonijiet, jaqdu rwol importanti, skont l-Approċċ Strateġiku tal-UE fir-rigward tad-WPS.
12. Dan id-dokument jibni fuq it-tagħlimiet meħuda u l-esperjenza miksuba mill-approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tal-UNSCRs 1325 u 1820 dwar id-WPS, kif ukoll mit-tagħlimiet u l-esperjenza meħuda mill-Istati Membri tal-UE, is-sħab u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.
13. L-UE hija impenjata li tkompli taġixxi bħala mexxej globali f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni sħiħa tal-Aġenda dwar id-WPS. Hija tinsab impenjata wkoll li tanalizza l-kawżi fundamentali tal-kunflitti marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-kawżi fundamentali tal-inugwaljanza bejn is-sessi, u li tiffaċilita u tappoġġa t-tneħħija tan-normi li jhegħgu l-kunflitt u l-inugwaljanzi bejn is-sessi.

Objettivi ewlenin u rekwiżiti

14. L-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS jenfasizza l-importanza tat-tmexxija u l-aġenzija tan-nisa fl-oqsma kollha ta' politika u programmazzjoni relatati mal-paċi u s-sigurtà. Huwa jiżgura li n-nisa u l-bniet minn ambjenti differenti jkollhom dritt jieħdu sehem b'mod ekwu u sostanzjali fil-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-kunflitti, u fil-prevenzjoni ta' vjolenza relatata mal-kunflitti, inkluż kull forma ta' vjolenza sesswali u sessista. Barra minn hekk, l-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS jinvolti wkoll lill-irġiel u lis-subien bħala aġenti pożittivi għall-bidla, filwaqt li tiġi indirizzata l-ħtieġa li l-istereotipi tas-sessi u l-mekkaniżmi ta' esklużjoni mis-soċjetà jiġu indirizzati u trasformati.
15. L-UE ser tippromwovi u tipproteġi t-tgawdija totali tad-drittijiet tal-bniedem kollha tan-nisa u l-bniet kollha u ser ssaħħa il-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet skont il-valuri u l-prinċipji tagħha. Dan huwa komponent intrinsiku tal-paċi, is-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli, anki fid-dawl tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tagħha.

16. Dan jinkludi:

- a. Enfasi li l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tal-bniedem u l-parteċipazzjoni sinifikattiva u ekwa tan-nisa huma objettiv ċentrali tal-azzjoni esterna kollha tal-UE. Dan jinkludi l-intendiment u l-indirizzar tal-inugwaljanzi strutturali fil-programmazzjoni u l-involvement tal-irġiel u s-subien kif ukoll tan-nisa u l-bniet fit-tfassil tal-programmazzjoni, it-teħid tad-deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.
- b. L-inkoraġġiment u l-appoġġ għall-bini u s-salvagwardja tar-rieda politika u l-impenn li tkun implimentata l-Aġenda dwar id-WPS fil-pajjiżi mhux membri fl-UE li fihom huma involuti l-UE u l-Istati Membri tagħha.
- c. Sforzi kontinwi biex ikunu mifhuma r-raġunijiet sottostanti għall-vjolenza u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa u biex titnaqqas kull forma ta' vjolenza u diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet ġewwa u barra l-UE, filwaqt li tkun enfasizzata l-aġenzija tan-nisa pjuttost milli l-istat ta' vittma bħala l-ewwel pass biex in-nisa minn ambjenti fraġli jkunu involuti b'mod sinifikattiv u ekwu.
- d. Il-promozzjoni tal-qerda tal-prattiki dannużi kollha, b'mod partikolari tal-mutilazzjoni ġenitali femminili li tikkostitwixxi ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u vjolazzjoni tal-integrità fiżika tan-nisa, kif ukoll iż-żwieġ tat-tfal, iż-żwieġ prekoċi u dak sfurzat¹⁷.
- e. L-assigurazzjoni ta' finanzjament adegwat u aċċessibbli għal inizzjattivi ta' prevenzjoni tal-kunflitti u ta' bini tal-paċi madwar id-dinja, inkluż għal approċċi fit-tul għat-trasformazzjoni ta' kunflitt.

¹⁷ B'referenza għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli/SDG 5.3.

- f. Il-garanzija tal-parteċipazzjoni sinifikattiva u ekwa tan-nisa fi proċessi tal-paċi u tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-kuntest tal-istrumenti esterni kollha tal-UE, kif ukoll fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-politika ta' sigurtà u difiża komuni tal-UE, filwaqt li jiġu evitati aspettattivi stereotipiċi sessisti tar-rwoli tan-nisa u tal-irġiel.
- g. L-istabbiliment ta' intendiment komuni tal-UE u ta' pjan għall-prijoritajiet u l-oqsma ta' prijarità tad-WPS abbażi tal-opportunitajiet u l-isfidi prinċipali fl-implimentazzjoni, is-sjieda u t-tmexxija. L-Approċċ Strateġiku jipprova jikseb koerenza, sinerġiji u komplementarjetà fl-istrutturi implimentattivi kollha fil-livell tal-UE u dak tal-Istati Membri, inkluż fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-2016-2020 (GAP II¹⁸).
- h. L-appoġġ għal u l-abilitazzjoni tal-Konsulent Prinċipali tas-SEAE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u r-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti biex jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-implimentazzjoni tal-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS u biex jikkoordinawh.
- i. Il-promozzjoni tal-involviment fir-rigward tal-maskulinità pożittiva¹⁹ u l-appoġġ għal attivitajiet li jisfidaw l-istereotipi tas-sessi.
- j. L-investiment f'fidma ta' bini tal-paċi fost iż-żgħażaġh²⁰ li tieħu kont ta' kwistjonijiet marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi ffukata kemm fuq in-nisa żgħażaġh kif ukoll fuq l-irġiel żgħażaġh. Il-promozzjoni ta' maskulinità pożittiva, li tirrispetta l-ugwaljanza bejn is-sessi u li mhix vjolenti, pass essenzjali lejn it-trawwim ta' soċjetajiet paċifiċi u inklużivi. Iż-żgħożija hija fażi importanti ħafna meta l-opinjonijiet taż-żgħażaġh tagħhom infushom jiġu ffurmati, u l-familji, l-anzjani, l-edukaturi, il-mexxejja reliġjużi u l-pari kollha għandhom influwenza kbira.

¹⁸ Kif ukoll il-kontinwazzjoni tal-GAP II, wara l-evalwazzjoni finali tal-implimentazzjoni tal-GAP II, kif mitlub mill-GAP II innifisu, li ser tiffurma l-bażi għall-kontinwazzjoni tal-GAP II.

¹⁹ It-terminu "maskulinità pożittiva" ifisser imġiba u mudelli li jwessgħu l-immaġni stereotipika tal-maskulinità bħal pereżempju ħorox, vjolenti jew mhux emottivi. Il-maskulinità pożittiva tikkontribwixxi għad-dekostruzzjoni tal-istereotipi tas-sessi u għaldaqstant telimina l-inugwaljanzi bejn is-sessi fl-istrutturi soċjali.

²⁰ Ir-Riżoluzzjonijiet 2250 (2016) u 2419 (2018) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar iż-żgħażaġh, il-paċi u s-sigurtà.

- k. Il-forniment ta' appoġġ politiku u finanzjarju trasparenti u inklużiv lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali ta' bażi, inkluż il-gruppi, il-movimenti u l-inizjattivi lokali tan-nisa li l-għan tagħhom huwa l-bini tal-paċi, u l-isfida ta' dawk in-normi relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi li jiffavorixxu l-vjolenza b'mod li jkun adattat għall-ħtiġijiet tal-atturi tas-soċjetà ċivili u l-benefiċjarji kkonċernati.
- l. L-involviment attiv tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u gruppi tan-nisa lokali u internazzjonali fiċ-ċiklu kollu tal-politika (mit-tfassil sal-evalwazzjoni) meta mqabbel ma' eżerċizzju purament formali ta' konsultazzjoni jew implimentazzjoni biss.
- m. Iż-żieda fl-appoġġ għall-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ixprunaturi, relatati mal-ġeneru, tal-fraġilità u l-kunflitt vjolenti u armat. S'issa, ir-riċerka dwar il-ġeneru u l-bini tal-paċi ffukat primarjament fuq l-impatti relatati mal-ġeneru tal-kunflitti vjolenti, iżda relattivament ftit li xejn nġhatat attenzjoni lir-raġunijiet bażiċi u l-kawżi fundamentali, f'termini ta' ġeneru, tal-kunflitti vjolenti u armati. Eżempju ta' dan huwa l-intendiment ewlieni ta' kif in-normi u r-rwoli relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi huma involvuti f'kunflitt, kif hija wkoll l-attenzjoni ikbar fuq il-konnessjoni bejn elementi trasversali differenti bħall-età, ir-razza, l-etniċità, iċ-ċittadinanza, il-klassi soċjali, l-orjentament sesswali, l-abbiltà, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-ambjent urban/rurali u l-ġeneru.
- n. L-indirizzar tal-isfidi marbuta mal-approċċi istituzzjonali lejn l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż ir-reżistenza, in-nuqqas ta' intendiment u taħriġ, u ż-żamma tal-istatus quo.
- o. L-evitar tal-istrumentalizzazzjoni billi jiġu rikonoxxuti d-drittijiet inaljenabbli tan-nisa, filwaqt li jiġi żgurat li l-programmazzjoni kollha tkun evalwata b'kunsiderazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u turi kontributi verifikabbli għall-ugwaljanza bejn is-sessi.
- p. Ir-rikonoxximent tal-fatt li n-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien kollha jaqdu rwoli importanti biex jinkisbu l-paċi, is-sigurtà u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Prinċipji tal-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS

Il-politika interna u esterna miġbura flimkien

17. L-Aġenda dwar id-WPS hija universalment applikabbli u għaldaqstant għandha tiġi implimentata b'mod sistematiku mill-atturi u l-Istati Membri kollha tal-UE, kemm fil-politiki, il-programmi u l-azzjonijiet interni tagħhom (eż. domestiċi, ġudizzjarji u dawk dwar ir-riżorsi umani) kif ukoll f'dawk esterni (eż. affarijiet barranin u sigurtà, kummerċ, u migrazzjoni).
18. Bosta oqfsa nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS fl-UE, bħall-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u dokumenti strateġiċi ekwivalenti, huma perċepiti bħala li jxaqilbu aktar lejn implimentazzjoni esterna, partikolarment f'sitwazzjonijiet relatati mal-kunflitti bħall-prevenzjoni ta' kunflitti, ir-riżoluzzjoni ta' kunflitti u l-bini tal-paċi. Kemm jekk volontarja kif ukoll jekk involontarja, din il-perċezzjoni tokkulta aspekt importanti tal-Aġenda dwar id-WPS, il-fatt li l-maġġoranza kbira tal-kwistjonijiet involuti għandhom applikazzjoni domestika diretta. Jeżistu bosta eżempji prattiċi li juru r-rilevanza interna tal-Aġenda dwar id-WPS, mill-appoġġ mogħti lil organizzazzjonijiet u movimenti domestiċi tan-nisa, inkluż assoċjazzjonijiet tar-refuġjati u l-migranti nisa u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, sal-possibbiltà li tingħatalhom biex ikunu involuti fl-Aġenda dwar id-WPS²¹. Eżempji oħra jinkludu l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'sistemi u strutturi ta' twissija bikrija biex tissaħħaħ ir-rabta bejn l-Aġenda dwar id-WPS u pereżempju l-aġendi relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti u s-sħubiji mal-atturi tas-soċjetà ċivili fil-livell domestiku, is-settur privat u l-akkademja. Barra minn hekk, il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jserrġu fuq l-impenji interni tal-Istati Membri li jimplimentaw l-ugwaljanza bejn is-sessi f'konformità mal-politiki rilevanti tal-UE, pereżempju l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-forzi tas-sigurtà nazzjonali (pulizija, armati, eċċ.).
19. L-UE ser tiżgura li l-protezzjoni ta' refuġjati, persuni spostati f'pajjiżhom, persuni apolidi u persuni li jfittxu asil tirrispetta l-ħtiġijiet ta' protezzjoni differenti relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi tan-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien.

²¹ Pereżempju, finanzjament, konsultazzjonijiet effettivi u parteċipazzjoni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni.

Applikazzjoni ta' perspettiva olisitika

20. L-intendiment komuni tal-UE huwa bbażat fuq ir-rikonoxximent tal-fatt li n-nisa u l-irġiel għandhom bosta rwoli differenti fil-komunitajiet tagħhom u fiċ-ċiklu kollu tal-paċi u l-kunflitt.
21. L-ugwaljanza bejn is-sessi, il-paċi, is-sigurtà, l-iżvilupp u d-drittijiet tal-bniedem huma marbuta mill-qrib. Dan ifisser li l-UE trid tkompli tipprijorizza l-prevenzjoni tal-kunflitti bħala wieħed minn diversi modi biex jiġu evitati konsegwenzi drammatiċi ta' natura ekonomika, ambjentali, soċjali u relatati mas-sigurtà tal-kunflitt vjolenti fuq in-nisa, l-irġiel, is-subien u l-bniet. Il-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inkluż il-vjolenza sesswali u sessista, iżda mhux biss, hija importanti fiha nnifisha iżda hija wkoll komponent kruċjali tal-prevenzjoni tal-kunflitti, minħabba li l-intendiment tal-kawżi fundamentali ta' din il-vjolenza jipprovdi bażi ta' evidenza li minnha jista' jsir kontribut kemm għad-drittijiet tan-nisa u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom kif ukoll għall-prevenzjoni tal-kunflitti.

22. Mhux talli teżisti l-ħtieġa li n-nisa jkunu protetti f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u li tkun promossa l-parteċipazzjoni tagħhom f'kull aspett tal-paċi u s-sigurtà, inkluż fil-bini tal-paċi, iżda teżisti wkoll il-ħtieġa li jkun żgurat li dawn l-azzjonijiet ikunu appoġġati minn kunsiderazzjonijiet tal-iżvilupp aktar ġenerali, bħall-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa, is-sigurtà ekonomika tagħhom u l-aċċess tagħhom għal servizzi tal-kura tas-saħħa, inkluż id-dritt ta' aċċess għas-saħħa riproduttiva u l-edukazzjoni. Dan huwa partikolarment importanti fid-dawl tal-impatt negattiv fit-tul li għandu kunflitt vjolenti fuq l-iżvilupp ta' pajjiż jew ta' reġjun u l-ħtieġa ta' pjan għas-sigurtà umana bħala kondizzjoni bażika għall-kisba ta' paċi u żvilupp fit-tul²². L-oqfsa ta' politika kollha tal-UE²³ relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa huma marbuta mal-Aġenda dwar id-WPS, u, għaldaqstant, l-Aġenda għandha tiggwida kif tiġi organizzata, imwettqa u segwita l-ħidma li tindirizza dawn il-kwistjonijiet.
23. L-ugwaljanza bejn is-sessi hija objettiv ċentrali tal-azzjoni esterna kollha tal-UE, inkluż l-iżvilupp, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-migrazzjoni. Dan jiżgura li n-nisa u l-bniet f'żoni fraġli u affettwati mill-kunflitti jkunu jistgħu jieħdu sehem b'mod sħiħ fil-ħajja politika, ekonomika u soċjali tas-soċjetajiet tagħhom u f'dik relatata mas-sigurtà ta' dawn is-soċjetajiet. Dan huwa prerekwiżit għall-iżvilupp sostenibbli u l-paċi.
24. L-UE ser tinvolvi lin-nisa u lill-bniet, ser issaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom, ser tipproteġihom u tappoġġahom f'sitwazzjonijiet relatati ma' kunflitt u permezz ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fit-tul, bil-għan li tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi. Hija tirrikonoxxi li l-ugwaljanza bejn is-sessi hija komponent instrinsiku tal-paċi, is-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli, inkluż fid-dawl tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli. Hija ser tiżgura li l-ewwel pass ta' kwalunkwe azzjoni jkun ibbażat fuq l-analiżi tal-ġeneru u l-involviment bikri tal-parteċipanti u l-benefiċjarji kollha u bl-inklużjoni tagħhom.

²² Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: It-tisħiħ tal-kapaċitajiet sabiex jitwieżnu s-sigurtà u l-iżvilupp -L-għoti tas-setgħa lis-sħab sabiex jipprevjenu u jiġġestixxu l-kriżijiet, (JOIN (2015) 17 final), 28.4.2015.

²³ Inkluż: (i) il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-2016-2020 (GAP II) (ara n-nota 2 ta' qiegħ il-paġni); (ii) id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019 (SWD (2015) 278 final), 3 ta' Diċembru 2015; (iii) l-Istrateġija Globali għall-politika barranija u ta' sigurtà tal-UE (ara n-nota 6 ta' qiegħ il-paġni); (iv) il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid (ara n-nota 8 ta' qiegħ il-paġni); (v) il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Pjan ta' azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. "Inżommu d-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentru tal-aġenda tal-UE" (JOIN (2015) 16 final), 28 ta' April 2015.

25. L-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS jidentifika azzjonijiet taħt l-oqsma ewlenin tal-prevenzjoni, il-protezzjoni, is-sokkors u l-irkupru, miġbura taħt żewġ oqsma sovrastanti: l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-parteciċipazzjoni. Dawn l-azzjonijiet huma interkonnessi u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Pereżempju, il-parteciċipazzjoni sinifikattiva u ekwa tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet ser tikkontribwixxi biex titkisser is-sensjela kontinwa ta' vjolenza u diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet u vice versa.
26. L-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS u l-implimentazzjoni tiegħu huma bbażati fuq id-drittijiet. Dan jinkludi d-drittijiet tal-bniedem kollha filwaqt li fl-istess ħin isegwi approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet fir-rigward tal-ġhajjnuna umanitarja.

L-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi

27. Kif miftiehem fil-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi hija strateġija ewlenija biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. F'konformità mal-qafas ta' politika komprensiv tal-UE u primarjament l-Involvement Strateġiku 2016-2019 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi²⁴ u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II, l-analiżi tal-ġeneru u perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom ikunu integrati b'mod sistematiku fl-azzjoni kollha tal-UE bil-ġħan li jkunu prevenuti l-kunflitti u jkun hemm rispons għat-theddid li jħabbtu wiċċhom miegħu l-persuni ċivili qabel, waqt u wara kunflitt. L-analiżi tal-ġeneru hija s-sisien ta' prevenzjoni effettiva tal-kunflitti, ta' stabbilizzazzjoni, bini tal-paċi, rikostruzzjoni ta' wara kunflitt, governanza u bini tal-istituzzjonijiet. Barra minn hekk, impenn imsaħħaħ għall-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-attivitajiet tal-UE jistgħu jtejbju l-effiċjenza u l-effettività tagħhom. Jekk jiġu traskurati t-tweqqi tal-analiżi tal-ġeneru u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi dan ikollu impatt negattiv fuq ir-rwol mexxej tal-UE bħala promotur u katalist tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

²⁴ Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni: Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019 [SWD(2015) 278 final], 3 ta' Diċembru 2015.

Għalhekk, l-UE ser:

- Tiżgura li l-azzjonijiet kollha tal-UE li jinvolvu lil pajjiżi mhux fl-UE jkunu bbażati fuq analiżi tal-kunflitt u analiżi tal-ġeneru u jqisu r-relazzjonijiet ta' poter bejn il-partijiet differenti tal-popolazzjoni, inkluż in-nisa u l-irġiel, fi ħdan istituzzjonijiet kemm formali kif ukoll informali tas-soċjetà.
- Tintegra perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjonijiet kollha tal-UE, jiġifieri tqis il-ħtiġijiet, l-esperjenzi u d-drittijiet differenti tan-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien ta' kull età u minn ambjenti differenti. Dan biex jiġi żgurat li l-azzjoni tal-UE ma tikkawżax dannu addizzjonali f'kundestji fraġli u affettwati minn kunflitt.
- Tippromwovi l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi bħala strateġija ewlenija, flimkien ma' bilanċ fil-preżentazzjoni u l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel u azzjonijiet speċifiċi u djalogu sabiex ikun hemm ugwaljanza bejn is-sessi. Tagħmel dan billi tintegra perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqfsa ta' politika kollha, inkluż il-politika estera u ta' sigurtà komuni, l-iżvilupp, il-kummerċ, il-migrazzjoni, il-ġustizzja, l-edukazzjoni, il-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti u l-ġlieda kontrib, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-finanzi u l-politiki umanitarji.
- Tirrikonoxxi u tippromwovi l-fatt li l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS ikunu rikonoxxuti bħala responsabbiltajiet manġerjali u ta' tmexxija formali, b'linji ta' responsabbiltà ċari.
- Tippromwovi u tappoġġa b'mod attiv it-tiżi tal-ħiliet u l-kapaċitajiet tan-nisa u tal-irġiel relatati mat-twettiq ta' analiżi tal-ġeneru u tintegra perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fiċ-ċikli kollha tal-ippjanar, il-programmazzjoni u t-twettiq.
- Tintegra b'mod sistematiku perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, abbażi ta' analiżi tal-ġeneru, fl-oqsma u fl-attivitajiet kollha fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà, inkluż f'kull djalogu politiku u diplomatiku, fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, fil-proċessi kollha ta' formulazzjoni u ta' tfassil tal-politika relatati, fir-riċerka, fl-analiżi u l-valutazzjoni, fl-ippjanar u t-twettiq kif ukoll fil-proċessi ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar.
- Tirrifletti b'mod sistematiku l-perspettivi tad-WPS fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-approċċ integrat tal-UE għall-kunflitt u l-kriżijiet.

- Tintegra b'mod sistematiku perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-aspetti kollha tal-prevenzjoni tal-kunflitti u taż-żamma tal-paċi biex jiġu msaħħa approċċi inklużivi, u parteċipattivi u speċifiċi għall-kuntest, għal: l-analiżi tal-kunflitti, it-twissija bikrija, il-medjazzjoni, id-diplomazija preventiva, il-ġestjoni ta' kriżijiet, l-istabbilizzazzjoni u l-interventi umanitarji, l-istabbiliment tal-paċi, il-bini tal-paċi u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll it-tiżi tal-komunità, ir-reżiljenza fil-livell tal-istat u tas-soċjetà. Dan għandu jkun mistenni wkoll mis-sħab fl-implimentazzjoni.
- Tintegra b'mod sistematiku perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjoni tal-UE li għandha l-għan li tappoġġa, f'pajjiżi mhux fl-UE, ir-riforma tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà, ir-riforma tas-settur tal-ġustizzja, inizjattivi ta' ġustizzja transizzjonali, ir-riforma tal-governanza, id-demobilizzazzjoni u r-reintegrazzjoni, l-istabbilizzazzjoni, il-bini tal-istat, il-protezzjoni ċivili, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti u għat-terroriżmu, id-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi, il-prevenzjoni tal-kummerċ fl-armi illegali il-migrazzjoni, il-protezzjoni tar-refuġjati, tal-persuni spostati f'pajjiżhom u tal-persuni li jfittxu asil, il-prevenzjoni tat-traffikar ta' bniedem, u l-ħidma umanitarja, inkluż ir-rinforz tas-sigurtà umana.
- Tintegra b'mod sistematiku perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kummerċ f'pajjiżi jew f'reġjuni li jinsabu f'sitwazzjonijiet affettwati minn kunflitt u fil-kummerċ magħhom u/jew fejn ikun hemm ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-Dritt umanitarju internazzjonali. Dan japplika b'mod partikolari għall-kummerċ f'riżorsi naturali, inkluż minerali ta' konflitt.
- Tiżgura li s-sitwazzjonijiet partikolari u l-prijoritajiet, il-kapaċitajiet, il-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet speċifiċi tan-nisa u l-bniet jingħataw prijorità u jiġu indirizzati fir-rispons għal sitwazzjonijiet fraġli u affettwati minn kunflitt u fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u r-rispons umanitarju. Tagħmel dan, pereżempju, billi tiżgura aċċess għal informazzjoni u servizzi tas-saħħa komprensivi, inkluż servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva.

- Tintegra b'mod sistematiku perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi bħala element ewlieni tal-ippjanar u tat-twettiq ta' missjonijiet u operazzjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni u tar-rispons umanitarju, inkluż fil-koordinazzjoni (umanitarja) fil-qasam ċivili-militari.
- Tiżgura li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet kollha tal-politika ta' sigurtà u difiża komuni skjerati f'sitwazzjonijiet fraġli u affettwati minn kunflitt u f'emerġenzi umanitarji u f'interventi ta' protezzjoni ċivili jinkludu kapaċità u riżorsi suffiċjenti biex jintegraw perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' proċess ta' responsabbiltà u bl-inklużjoni u l-forniment ta' riżorsi adegwati ta' esperti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-forma ta' konsulenti u ta' punti fokali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Barra minn hekk, tiżgura li mid-dħul fis-servizz il-persunal militari u ċivili kollu tal-UE skjerat ikun imħarreġ b'mod suffiċjenti fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-WPS, speċifikament dwar kif għandu jintegra perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-responsabbiltajiet u l-kompiti tiegħu.
- Tippromwovi djalogu interattiv u proċess ta' taġlim reċiproku dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi fost dawk li jfasslu l-politika, il-prattikanti u l-akkademiċi.
- Tintegra b'mod sistematiku perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-riċerka fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà. Dan jinkludi l-għbir u l-analiżi sistematiki ta' data diżaggregata skont is-sess.
- Tintegra b'mod sistematiku perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-interventi kollha ta' prevenzjoni tal-kunflitti u ta' bini tal-paċi ffinanzjati mill-UE, kif ukoll fir-rekwiżiti għas-sħab fl-implimentazzjoni. Tiżgura li s-sitwazzjonijiet, l-esperjenzi u l-ħtiġijiet potenzjalment differenti tan-nisa u l-irġiel, tal-bniet u s-subien minn ambjenti differenti jitqiesu fiċ-ċiklu tal-proġett kollu.

Parteċipazzjoni

28. Il-parteċipazzjoni ugwali u sinifikattiva tan-nisa u tal-bniet, tal-irġiel u tas-subien minn firxa ta' ambjenti (eż. fil-livell ekonomiku, soċjali, etniku, reliġjuż, ġeografiku) fil-politika, fl-ekonomija u fis-soċjetà hija kemm objettiv fih innifsu kif ukoll prerekwiżit tal-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli. L-ugwaljanza bejn is-sessi hija għalhekk objettiv integrali, mhux periferali, tal-azzjoni tal-UE.
29. Meta jkunu qed jindirizzaw is-soċjetajiet, l-azzjonijiet tal-UE għandhom jinvolvu lin-nisa minn ambjenti differenti f'firxa sħiħa ta' kwistjonijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u ta' sigurtà. Ta' spiss in-nisa huma mistennija jtkellmu b'vuċi waħda, bħal li kieku kienu grupp omoġenju, minflok ma jesprimu l-firxa wiesgħa ta' esperjenzi, oqsma ta' ħila esperta u opinjonijiet li wieħed jistenna minn kwalunkwe grupp diversifikat ta' nies b'interessi, aspirazzjonijiet, ideali, valuri, motivazzjonijiet u ħtiġijiet differenti. Filwaqt li jista' jkun li (xi) nisa qed jiġu kkonsultati, għadd kbir wisq minnhom (għadhom) esklużi minn kwalunkwe proċess sinifikattiv u ekwu ta' teħid ta' deċiżjonijiet, fil-livell lokali, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali. Fil-każijiet limitati fejn in-nisa ngħataw vuċi u ġew ikkunsidrati, wisq ta' spiss dan kien limitat għall-hekk imsejħa "kwistjonijiet tan-nisa", li ta' spiss ikunu jindirizzaw il-konsegwenzi ta' vjolenza sesswali u sessista. Dan ta' spiss kien ristrett ukoll għal ċerti gruppi ta' nisa urbani tal-ogħla klassijiet b'kostitwenzi limitati.
30. L-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa appoġġati b'parteċipazzjoni akbar tan-nisa fl-istrutturi tal-UE għall-prevenzjoni ta' kunflitti u kriżijiet, u fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE, hija prijorità. Il-bilanċ intern bejn is-sessi tal-UE għandu jiġi indirizzat b'mod parallel mal-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni ta' perspettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjonijiet kollha tal-UE mwettqa barra mill-Unjoni, u fl-impenji kollha mas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari f'żoni affettwati minn kunflitti u kriżijiet.

Għalhekk, l-UE ser:

- Tappoġġa t-tmexxija u l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-istadji kollha tal-proċessi ta' paċi permezz ta' diplomazija kif ukoll permezz ta' appoġġ finanzjarju. L-UE ser tistinka biex tinkludi u tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' aktar nisa bħala medjaturi, negozjaturi ewlenin u rappreżentanti politiċi, inkluż fi ħdan l-istrutturi ta' tagħha stess. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-isforzi ta' paċi tan-nisa fil-livell lokali u dak nazzjonali huma kruċjali għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti, għall-bini tal-paċi u għar-rikostruzzjoni ta' wara kunflitt, l-UE ser tappoġġa dawn l-inizjattivi, inkluż fil-livell ta' bażi.
- Tippromwovi l-ugwaljanza u d-diversità bejn is-sessi billi tirrekluta, tħaddem, taħtar u tappoġġa l-iżvilupp tal-karriera ta' aktar nisa f'kull livell. L-għan għandu jkun li jinkiseb bilanċ bejn is-sessi, inkluż fil-livelli superjuri u f'dawk fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet, fl-istituzzjonijiet nazzjonali, reġjonali u internazzjonali li jkunu qed jaħdmu fiż-żona tal-paċi u s-sigurtà.
- Tippromwovi l-parteċipazzjoni sinifikattiva u ekwa tal-membri tal-persunal ta' sigurtà (militar/pulizija) nisa f'operazzjonijiet ta' sigurtà/militari, inkluż missjonijiet u operazzjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, mingħajr ma tirrinforza l-istereotipi tas-sessi tal-aspettattivi tan-nisa u tal-irġiel.
- Tidentifika u tneħħi l-ostakli għall-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u tal-irġiel fid-delegazzjonijiet tal-UE u fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, pereżempju billi tippromwovi postijiet tax-xogħol fejn il-familja tkun aċċettata wkoll u ħinijiet tax-xogħol flessibbli fejn applikabbli.
- Tiffaċilita u tippromwovi l-parteċipazzjoni sinifikattiva u ekwa tan-nisa minn ambjenti differenti billi tistabbilixxi mekkaniżmi parteċipatorji tul iċ-ċikli kollha tal-proġetti u l-programmi. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jinfurmaw it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki u tar-risponsi ta' protezzjoni, kif ukoll dawk tal-interventi mwettqa fil-qafas tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp rilevanti għall-kunflitti.

- Tippetromwovi u tappoġġa d-drittijiet tan-nisa li jieħdu sehem fl-isfera pubblika u d-dritt tagħhom għal-libertà ta' assemblea paċifika, espressjoni u assoċjazzjoni.
- Tippetromwovi l-parteċipazzjoni, is-sħubiji u n-networking mas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tan-nisa, inklużi organizzazzjonijiet u movimenti ta' bażi, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivisti għall-paċi, il-popli indiġeni u l-atturi ekonomiċi permezz ta' mekkaniżmi ta' konsultazzjoni adatti. Dan għandu jsir biex tkun żgurata l-parteċipazzjoni tagħhom u biex isir użu mill-għarfien, il-kapaċitajiet u l-vantaġġi komparattivi tagħhom.
- Tissorvelja u tiġġieled kontra tendenzi ta' inqas spazju għas-soċjetà ċivili inkluż għall-organizzazzjonijiet tan-nisa, l-attivisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem²⁵. Tiegħu passi speċifiċi biex tippetromgħom, filwaqt li tkun żgura li tevita li tagħmel dannu fil-proċess, fejn tirrikonoxxi li jistgħu jkunu soġġetti għal forom ta' intimidazzjoni speċifiċi għall-ġeneru mill-istat u l-atturi soċjali, personalment jew permezz tal-media soċjali. Tippetromwovi l-involvement taż-żgħażaġħ, tal-mexxejja reliġjużi, tradizzjonali u kulturali, inkluż l-irġiel u s-subien, fl-aspetti kollha tal-implimentazzjoni tal-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS.
- Tippetromwovi inizjattivi biex ikunu indirizzati l-ostakli strutturali għall-parteċipazzjoni sinifikattiva u ekwa tan-nisa fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti u fil-ħajja pubblika ta' wara l-kunflitt. Dawn l-inizjattivi għandhom jindirizzaw fatturi ta' (theddidd ta') vjolenza u intimidazzjoni, sigurtà insuffiċjenti u kkaratterizzata minn diskriminazzjoni minħabba l-ġeneru, l-istat tad-dritt, l-aċċess għall-ġustizzja u fatturi soċjoekonomiċi inkluż id-distribuzzjoni inugwali relatata mas-sessi tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-kura tal-familja u n-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni.
- Tippetromwovi rappreżentanza bilanċjata tan-nisa u l-irġiel minn ambjenti differenti, inkluż fil-livelli superjuri u tat-teħid tad-deċiżjonijiet, fis-servizzi diplomatiċi nazzjonali, fil-korpi ta' demokrazija rappreżentattiva, fil-ministeri tad-difiża, fil-forzi armati, fl-istituzzjonijiet tal-istat tad-dritt u istituzzjonijiet oħra fis-settur tas-sigurtà, kif ukoll fl-istituzzjonijiet tal-UE.

²⁵ Garanzija għall-Protezzjoni - Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (dokument 16332/2/08).

Prevenzjoni

31. L-inugwaljanzi u l-esklużjoni mill-aċċess għall-poter, għal opportunitajiet, servizzi u sigurtà joħolqu art fertili għall-mobilizzazzjoni tal-ilmenti ta' gruppi lejn il-vjolenza, b'mod partikolari f'żoni fejn l-istat għandu kapaċità jew leġittimità dgħajfa jew fil-kuntest ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem. Il-prevenzjoni tal-kunflitti tista' tkun aktar effettiva jekk ikun hemm mekkaniżmi ta' twissija bikrija u ta' analiżi tal-kunflitti sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru u li jagħtu attenzjoni akbar lill-kawżi fundamentali tal-vjolenza relatati ma' kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi. L-inklużjoni hija kruċjali għall-prevenzjoni tal-kunflitti fl-istituzzjonijiet u l-politiki għall-iżvilupp, u biex ikunu pprovduti sigurtà umana u ġustizzja. L-azzjonijiet preventivi għandhom jadottaw approċċi li jinkludu l-involviment taċ-ċittadini, huma bbażati fuq id-drittijiet (li jinkludu d-drittijiet tal-bniedem kollha), jiffokaw fuq in-nies u jinkludu lis-soċjetà kollha.
32. Peress li spazju ċiviku dejjem jiekken jista' jkollu effett sproporzjonatament negattiv fuq in-nisa u l-bniet, jeħtieġ li dan jiġi miġġieled biex id-drittijiet tan-nisa ma jiġux ristretti.

33. Sforzi ta' medjazzjoni li jinvolvu biss lil gruppi armati u ma jippromwovux ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem jistgħu jibagħtu sinjal li l-vjolenza tiġi ppremjata. Minbarra li jiġġenera rizzentiment f'setturi oħra tas-soċjetà, dan jista' jhegġegħ lil xi oħrajn biex jaħtfu l-armi biex jassiguraw post fuq il-mejda tan-negozjati. L-atturi tas-soċjetà ċivili jista' jkollhom rwol kritiku biex iżidu l-leġittimità ta' proċess ta' paċi u huma alleati potenzjalment importanti. Mexxejja nisa u l-gruppi tan-nisa ta' spiss huma effettivi fl-istabbiliment tal-paċi fil-livelli tal-komunità u għandhom għaldaqstant ikunu marbuta sew mal-proċess ta' medjazzjoni ta' livell għoli. Barra minn hekk, l-aċċess tan-nisa għat-tmexxija fis-soċjetà ċivili tista' tkun sfida. L-UE għandha għalhekk tappoġġa l-parteċipazzjoni sinifikattiva ta' soċjetà ċivili inklużiva u tal-assoċjazzjonijiet tan-nisa fil-proċessi ta' paċi.
34. It-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-art, id-deżertifikazzjoni u n-nixfa huma fatturi li jixprunaw il-kunflitt u li jistgħu jaffettwaw lin-nisa b'mod partikolari peress li wisq ta' spiss ikunu vulnerabbli b'mod sproporzjonat għall-impatti tat-tibdil fil-klima. Bħala l-fornituri ewlenin tal-ġhajxien ta' kuljum, bħala bdiewa u edukaturi, in-nisa jistgħu jużaw il-vuċi u l-influwenza tagħhom biex jgħaġġlu soluzzjonijiet trasformattivi dejjiema għal żvilupp sostenibbli u jsawru politiki u allokazżjoni tar-riżorsi ekwi. It-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa bħala muturi ta' tkabbir ekonomiku isaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà.

Għalhekk, l-UE ser:

- Tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa b'mod sistematiku u fit-tul fi stadji ta' fraġilità, kunflitt, sikkors u rkupru. Barra minn hekk, fl-implimentazzjoni kollha tal-Aġenda dwar id-WPS l-UE ser tkompli tiffoka fuq il-kawżi fundamentali relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u ser tkompli tindirizza l-prevenzjoni b'mod parallel għar-rispons.
- Tappoġġa sforzi li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-vjolenza, bħall-esklużjoni, id-diskriminazzjoni, l-inugwaljanzi strutturali u l-vjolenza sesswali u sessista inkluża l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet.
- Tappoġġa inizjattivi inklużivi tas-soċjetà ċivili fil-livell komunitarju, nazzjonali, reġjonali u dak globali biex tinbena paċi sostenibbli u jiġu eliminati l-inugwaljanzi sessisti. Tappoġġa wkoll inizjattivi li għandhom l-għan li jisfidaw u jeliminaw normi u stereotipi prevalenti fis-soċjetà relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi.

- Tiżgura li analiżi tal-ġeneru tkun integrata b'mod sistematiku fis-sistema ta' twissija bikrija tal-UE għall-kunflitti u f'kunċetti u approċċi attwali u futuri oħra għat-twissija bikrija u analiżi tal-kunflitti u ta' indikaturi relatati.
- Tappoġġa u tippromwovi l-prevenzjoni ta' vjolenza sesswali u sessista u ta' sfruttament u abbuż sesswali li jistgħu jseħħu fil-kuntest ta' kriżi jew li jirriżultaw minn jew fi ħdan operazzjonijiet umanitarji, militari, ta' sigurtà jew tal-iżvilupp, u thegħgeġ risponsi għalihom li jpoġġu lill-vittima fiċ-ċentru. Tappoġġa u tippromwovi l-mitigazzjoni tar-riskji f'dan il-qasam.
- Tiżgura li jkun hemm mekkaniżmi inklużivi li jippermettu li jinkisbu koerenza, effettività u sinerġija akbar: (i) fost id-diversi partijiet interessati, inklużi l-istati, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; u (ii) fid-diversi għodod u strumenti użati fil-prevenzjoni, b'mod partikolari d-diplomazija, inkluż kemm il-medjazzjoni bilaterali kif ukoll dik multilaterali, it-twissija bikrija, il-bini tal-paċi, ir-rikostruzzjoni ta' wara kunflitt, is-sigurtà u l-iżvilupp.
- Tappoġġa attivitajiet ta' prevenzjoni sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru mibdija lokalment u bi sjieda lokali mwettqa minn atturi lokali jew nazzjonali. Tippromwovi proċessi inklużivi u trasparenti.
- Issaħħaħ il-pożizzjoni tal-komunitajiet biex ikunu reżiljenti għall-kunflitti vjolenti. Il-parteeipazzjoni sinifikattiva u ekwa tan-nisa hija kritika kemm għal politiki ta' prevenzjoni effettivi u għall-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll biex tinżamm il-paċi f'kull livell. It-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni għandhom ikunu kemm jista' jkun żgurati.
- Tippromwovi analiżi tal-ġeneru u l-integrazzjoni sistematika tal-perspettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet kollha ta' medjazzjoni u ta' prevenzjoni ta' kunflitti.

Protezzjoni

35. L-esperjenzi u l-azzjonijiet tan-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien minn ambjenti differenti fil-kuntest tal-kunflitt armat, il-prevenzjoni, il-protezzjoni, iż-żamma tal-paċi, il-bini tal-paċi u r-rikostruzzjoni kultant huma simili u kultant huma differenti. Dan għandu jiġi analizzat, valutat u indirizzat sabiex ikun żgurat rispons adegwat u suffiċjenti mill-atturi tal-UE. In-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien kollha jinsabu fir-riskju ta' traffikar. Għalkemm in-nisa u l-bniet jiffaċċjaw riskju akbar ta' vjolenza sesswali, li jsiru l-iskjavi domestiċi u sesswali tal-ġellieda u li jkunu sfurzati jżżewġu, l-irġiel u s-subien jistgħu wkoll ikunu taħt il-mira bħala vittmi ta' vjolenza tali. Barra minn hekk, l-irġiel u s-subien jistgħu jiffaċċjaw riskji oħra ta' reklu ta' għ
36. In-nisa mhumx biss vittmi tal-gwerra u l-vjolenza. Huma għandhom ukoll rwoli differenti bħala, pereżempju, ġellieda, kostrutturi tal-paċi, personalitajiet politiċi, atturi ekonomiċi u attivisti. Il-parteċipazzjoni ugħali tal-irġiel u n-nisa hija kemm għan essenzjali kif ukoll mod għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti u biex tkun promossa kultura ta' paċi inklużiva u sostenibbli. In-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien ta' spiss isiru l-mira, xi drabi fuq skala massiva, ta' vjolenza sesswali u sessista, u użati bħala mezz għal finijiet politiċi, ekonomiċi jew militari. Jeżistu bosta modi ta' kif il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet waqt u wara kunflitt tevolvi u tiggrava, biex b'hekk jiżdied ir-riskju tagħhom li jesperjenzaw vjolenza fiżika, psikoloġika, sesswali u strutturali fi djarhom stess u fl-isfera pubblika. Minkejja l-projbizzjonijiet fil-liġi internazzjonali umanitarju, kriminali u tad-drittijiet tal-bniedem, ir-reati kriminali ta' vjolenza sesswali u sessista mwettqa fil-kuntest ta' kunflitt interstatali u intrastatali fil-biċċa l-kbira tagħhom għadhom mhux spezzjonati u jeħtieġ li tiġi indirizzata l-impunità għal dawn ir-reati kriminali.

37. Għalkemm l-irġiel u s-subien jistgħu wkoll ikunu vittmi, il-vjolenza sesswali u sessista taffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa ta' kull età f'kull fażi tas-sensiela kontinwa ta' paċi u kunflitt (għalkemm din ta' spiss tkun aktar gravi waqt kunflitt vjolenti). In-nisa huma f'riskju ta' vjolenza kemm fl-isfera pubblika kif ukoll f'dik privata. L-għeluq tal-ispazji ċiviċi, u b'mod partikolari li jiġu msikkta l-ilħna tan-nisa b'mod ġenerali u l-ilħna tan-nisa u tal-irġiel li ma jikkonformawx man-normi soċjali tas-soċjetà, jistgħu jkunu indikatur ta' vjolenza sesswali u sessista. Id-diskors ta' mibegħda, it-theddid, il-kampanji ta' malafama, ir-repressjoni u l-vjolenza kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jistgħu jimmanifestaw ruħhom b'mod differenti b'rabta mas-sess, l-identità tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-istatus soċjoekonomiku, l-edukazzjoni, l-età, l-etniċità, il-klassi, ir-reliġjon jew it-twelmin, fost oħrajn.
38. L-influwenza tal-internet, id-diffużjoni mgħagħġla tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni, u d-diffużjoni wiesha' tal-media soċjali ppreżentaw opportunitajiet ġodda għan-nisa biex isemmgħu leħinhom u biex iqajmu kuxjenza dwar għadd ta' kwistjonijiet. Madankollu, filwaqt li t-teknoloġija jista' jkollha s-setgħa li tgħaqqad u ssaħħa, tista' wkoll tirrorforza u tinnormalizza r-rwoli tal-ġeneri u l-użanzi kulturali u toħloq modi ġodda għal vjolenza u abbuż. Id-dinja online mhix biss immaġni f'mera, iżda hija "sala ta' mirja" tad-dinja offline, fejn il-pożittiv u n-negattiv huma riflessi u amplifikati. Għan-nisa u l-bniet, din l-immaġni f'mera ta' spiss tirrifletti kultura ta' misoġinija, marġinalizzazzjoni u vjolenza.

Għalhekk, l-UE ser:

- Tkompli tippromwovi r-rispett sħiħ tal-liġi internazzjonali applikabbli għad-drittijiet u l-protezzjoni tan-nisa u l-bniet f'kunflitt, speċjalment bħala ċivili.
- Tkompli timplimenta dan li ġej: (i) "Linji Gwida tal-UE dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontribom"; (ii) "Linji gwida tal-UE dwar il-promozzjoni tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali²⁶"; (iii) "Garanzija għall-Protezzjoni - Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem²⁷"; u (iv) "Linji gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni online u offline²⁸".
- Tippromwovi approċċ mifruż mas-sistema kollha għall-prevenzjoni, ir-rappurtar u l-ikkastigar ta' Sfruttament u Abbuż Sesswali²⁹ (SEA) u l-fastidju sesswali³⁰.
- Tippromwovi l-protezzjoni tas-saħħa fiżika u mentali u d-dinjità tan-nisa, tal-bniet, tal-irġiel u tas-subien, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fraġli u milqutin minn kunflitt, f'emerġenzi umanitarji u f'sitwazzjonijiet ta' wara kunflitt, inkluż bl-istabbiliment ta' mekkaniżmi li jimplimentaw u jissorveljaw impenji ta' protezzjoni.
- Tadotta, timplimenta u tippromwovi politiki interni u esterni ta' tolleranza żero għad-diskriminazzjoni, l-isfruttament u l-abbuż sesswali, it-traffikar tal-bnedmin, l-attakki sesswali u l-fastidju sesswali. Tiżgura li l-adozzjoni ta' politiki relatati tkun ikkunsidrata bħala responsabbiltà ta' tmexxija formali³¹.

²⁶ Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni ta' konformità mal-Liġi Umanitarja Internazzjonali (IHL) - Aġġornament tekniku (dok. 16841/09).

²⁷ Garanzija għall-Protezzjoni - Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (dok. 16332/2/08).

²⁸ Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline (dok. 9647/14).

²⁹ F'konformità mal-istandards tan-NU (ST/SGB/2003/13), sfruttament sesswali jfisser kwalunkwe abbuż reali jew attentat ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà, differenza fil-poter, jew fiduċja, għal finijiet sesswali, inkluż, iżda mhux biss għal, qligħ fi flus, gwadann soċjali jew politiku mill-isfruttament sesswali ta' persuna oħra; filwaqt li abbuż sesswali jfisser l-intrużjoni fiżika reali jew mhedda ta' natura sesswali, kemm jekk bil-forza kif ukoll jekk taħt kondizzjonijiet mhux ugwali jew koerċittivi.

³⁰ Il-politika tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u tal-prevenzjoni tal-fastidju psikoloġiku u l-fastidju sesswali C(2006) 1624/3, applikabbli wkoll għall-SEAE.

³¹ ST 6877 2018 INIT, Standards Ġeneriċi Aġġornati tal-Imġiba għall-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK.

- Tappoġġa lin-nisa, lill-irġiel, lill-bniet u lis-subien li jkunu superstiti ta' vjolenza sesswali u sessista, u lill-familji tagħhom, biex ikollhom aċċess għall-ġustizzja u għal rimedju debitu, inkluż informazzjoni u servizzi tal-kura tas-saħħa u appoġġ psikosoċjali biex jiġi evitat li jiġu stigmatizzati (mill-ġdid) u vittimizzati (mill-ġdid) u biex ikunu ffaċilitati s-sigurtà u r-reintegrazzjoni tagħhom.
- Tippromwovi sforzi li għandhom l-għan li jtemmu l-impunità għar-reati kriminali tal-vjolenza sesswali u sessista, inkluż il-vjolenza sesswali relatata ma' kunflitti. Dan jinkludi, iżda mhux biss, l-appoġġ għal proċessi tal-ġustizzja transizzjonali sensitivi għall-ġeneru u l-bini tal-kapaċità tal-prattikanti tal-infurzar tal-liġi u tas-sistema tal-ġustizzja biex jipproċessaw il-każijiet b'mod sensitiv għall-ġeneru, kif stabbilit fil-qafas tal-ġustizzja transizzjonali tal-UE³².
- Timplimenta d-"Dokument informali dwar it-tmiem tal-vjolenza sesswali fil-konflitti - Gwida għal azzjonijiet prattiċi fil-livell tal-UE"³³.
- Tagħti attenzjoni speċifika lid-drittijiet tal-bniedem tat-tfal, taż-żgħażaġh u tal-anzjani, ta' dawk li qed jgħixu fil-faqar, tal-persuni b'diżabbiltajiet viżibbli u mhux viżibbli, tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi u tal-popli indiġeni, tar-refuġjati, tal-persuni spostati f'pajjiżhom u tal-persuni li jfittxu asil f'sitwazzjonijiet/kuntesti vulnerabbli.

³² Il-Kummissjoni Ewropea. Dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal: Il-qafas tal-UE dwar l-appoġġ għall-ġustizzja transizzjonali (SWD(2015) 158 final), 29.7.2015.

³³ Id-"Dokument informali dwar it-tmiem tal-vjolenza sesswali fil-konflitti - Gwida għal azzjonijiet prattiċi fil-livell tal-UE" (MD 155/14), 25.11.2014.

- Tinforza politika ta' tolleranza żero bbażata fuq il-prevenzjoni għal kull forma ta' vjolenza sesswali u sessista mwettqa mill-persunal tal-UE jew minn persunal skjerat f'missjonijiet u operazzjonijiet ta' sigurtà u difiża komuni, kif ukoll minn kmandanti/maniġers, kuntratturi u sħab. Kull darba li l-UE tiskjera persunal, inkluż f'missjonijiet/operazzjonijiet tal-politika ta' sigurtà u difiża komuni u f'interventi umanitarji, hija ser tiżgura li jkunu ngħataw struzzjonijiet ċari f'dan ir-rigward u li jkunu stabbiliti l-istrutturi adatti biex tiġi infurzata din il-politika, inkluż permezz ta' mekkaniżmu ta' rappurtar tajjeb, mekkaniżmu ta' lment għall-vittmi u responsabbiltà u sanzjonijiet għall-awturi tar-reati.
- Tiżgura li kull wild minn stupru jkun ikkunsidrat eliġibbli għal ċittadinanza u appoġġ. Tiġġieled l-istigma assoċjata ma' dan it-tip ta' vjolenza sesswali li jgħorru n-nisa li jkunu ġew stuprati u t-tfal tagħhom, anki ħafna żmien wara li jkun seħħ ir-reat. Tkompli tappoġġa lill-ġenituri li jrabbu dawn l-ulied.
- Timplimenta miżuri ta' protezzjoni aħjar għan-nisa u l-bniet meta l-analiżi u l-valutazzjoni juru li dan huwa meħtieġ, pereżempju fil-każ ta' kandidati politiċi, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u attivisti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

- Tindirizza l-vjolenza sesswali relatata mal-kunflitt bħala parti minn sensiela kontinwa ta' vjolenza sessista marbuta mill-qrib ma' inugwaljanzi persistenti u attakki usa' fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa, inkluż, iżda mhux biss, il-vjolenza diġitali u dik ċibernetika.
- Tippetwovi standards u linji gwida umanitarji dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-vjolenza sessista, inkluż pereżempju l-linji gwida dwar il-vjolenza sessista³⁴ tal-kumitat permanenti interaġenziji (IASC) u l-Manwal dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi³⁵ tal-IASC, kif ukoll il-ħidma tal-Appell għal azzjoni dwar il-protezzjoni mill-vjolenza sessista f'emergenzi³⁶.
- Tippetwovi l-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, b'attenzjoni partikolari għall-Artikolu 7(4³⁷) li jirrikjedi li l-istati jieħdu kont tar-riskju li l-armi jew oġġetti oħra jintużaw biex jitwettqu jew jiġu ffaċilitati atti gravi ta' vjolenza sessista.

³⁴ Kumitat Permanenti Interaġenziji (IASC): Linji gwida għall-integrazzjoni ta' interventi f'każ ta' vjolenza sessista fl-azzjoni umanitarja. 2015. (https://gbvguidelines.org/wp/wp-content/uploads/2015/09/2015-IASC-Gender-based-Violence-Guidelines_lo-res.pdf).

³⁵ Kumitat Permanenti Interaġenziji (IASC): Il-Manwal dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal azzjoni umanitarja. 2017. https://ec.europa.eu/jrc/communities/sites/jrccties/files/2018-iasc_gender_handbook_for_humanitarian_action_eng_0.pdf

³⁶ L-Appell għal Azzjoni dwar il-protezzjoni mill-vjolenza sessista f'emerġenzi (Appell għal Azzjoni) hija inizjattiva bejn diversi partijiet ikkonċernati biex jittrasformaw b'mod fundamentali l-mod kif tiġi indirizzata l-vjolenza sessista f'emerġenzi umanitarji. L-UE (permezz tas-servizzi tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni ċivili u l-operazzjonijiet tal-ġajnunata umanitarja Ewropej DG ECHO) hija sieħeb attiv tal-inizjattiva Appell għal Azzjoni mill-ħolqien tagħha fl-2013. L-UE refgħet ukoll ir-responsabbiltajiet li tkun il-mexxej globali tal-inizjattiva fl-2017-2018.

³⁷ L-Istat Parti esportatur, meta jagħmel din il-valutazzjoni, għandu jqis ir-riskju li l-armi konvenzjonali koperti taħt l-Artikolu 2 (1) jew l-oġġetti koperti taħt l-Artikolu 3 jew l-Artikolu 4 jintużaw biex jitwettqu jew jiġu ffaċilitati atti gravi ta' vjolenza sessista jew atti gravi ta' vjolenza kontra n-nisa u t-tfal.

Sokkors u Rkupru

39. Il-pilastru tas-sokkors u l-irkupru tal-Aġenda dwar id-WPS jiffoka fuq l-iżgurar li s-sokkors, l-irkupru u r-rikostruzzjoni jkunu inklużivi u jieħu kont tal-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u l-bniet. Tingħata attenzjoni speċjali għall-aktar gruppi vulnerabbli li jkunu qed jieħdu sehem fi proċessi marbuta mal-bini tal-paċi, bħar-ripatrijazzjoni, ir-risistemazzjoni, ir-riabilitazzjoni, ir-reintegrazzjoni u r-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitt. Dawn jinkludu n-nisa u l-bniet spostati minn pajjiżhom, is-superstiti ta' vjolenza sessista, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltajiet, il-minoranzi u l-popli indiġeni.
40. Il-pilastru tas-sokkors u l-irkupru jappella wkoll għal aktar sforzi biex tkun appoġġata l-parteċipazzjoni attiva tan-nisa u l-attivitajiet fi sforzi ta' sokkors u rkupru, inkluż li n-nisa jingħataw aċċess ugwali għal opportunitajiet biex jaqilgħu l-ġhajxien u għall-ġustizzja. In-nisa u l-organizzazzjonijiet tan-nisa li jipprovdu għajnuna umanitarja ta' spiss ikunu l-ewwel li jirrispondu għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Minkejja dan, it-tmexxija tan-nisa u l-prijoritajiet tagħhom ta' spiss jiġu esklużi mit-teħid ta' deċiżjonijiet, il-programmazzjoni, l-ippjanar u mill-baġits relatati mal-aspett umanitarju u dak tal-iżvilupp.
41. Is-sokkors, l-irkupru u r-rikostruzzjoni jistgħu jkunu tieqa ta' opportunità unika biex jiġu eliminati l-istrutturi soċjali diskriminatorji u biex jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-parteċipazzjoni u l-involvement sinifikattiv tagħhom.

Għalhekk, l-UE ser:

- Tippromwovi l-parteċipazzjoni u t-tmexxija tan-nisa fl-azzjoni umanitarja u fi programmi għall-iżvilupp, f'ambjenti kemm formali kif ukoll informali tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-stabbiliment tal-prijoritajiet.
- Tippromwovi inizjattivi li jsaħħu r-rabtiet bejn il-politiki dwar id-WPS, is-sokkors, ir-riabilitazzjoni, ir-risistemazzjoni, ir-rikostruzzjoni u l-iżvilupp sostenibbli, inkluż bl-appoġġ għall-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-ġajnuna umanitarja u għall-iżvilupp. Dan jinkludi l-aċċess ugwali u sigur tan-nisa u l-bniet għall-assistenza għall-iżvilupp u jinkludi informazzjoni komprensiva dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u servizzi tal-kura tas-saħħa.

- Tiżgura li kull persuna li tkun sofriet minn vjolenza sesswali jew sessista jkollha d-dritt u l-aċċess għal informazzjoni komprensiva dwar il-kura tas-saħħa u għal servizzi tal-kura tas-saħħa kif ukoll għall-ġustizzja u r-riparazzjoni. Tiżgura li l-vittmi ma jiġux vittimizzati mill-ġdid, rifjutati jew imwarrba.
- Tiżgura li l-organizzazzjonijiet kollha li jirċievu finanzjament u appoġġ mill-UE jikkonformaw mal-politiki tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u standards u linji gwida minimi dwar il-vjolenza sessista.
- Tappoġġa inizjattivi psikosoċjali għas-superstiti kollha tal-kunflitti vjolenti irrispettivament mir-rwoli tagħhom: nisa, bniet, irġiel, subien u anzjani.
- Tappoġġa s-sokkors, l-irkupru u r-riabilitazzjoni tan-nisa u l-bniet milquta minn kunflitt, anki ġewwa l-UE. Dan jinkludi l-iżgurar li l-liġi, il-politiki u l-proċeduri dwar l-asil jirrispettaw u jggarantixxu li waqt il-proċedimenti n-nisa u l-bniet kollha u s-superstiti kollha ta' vjolenza sessista jibbenefikaw minn drittijiet u standards ugwali.
- Tkompli tippromwovi sistemi tal-ġustizzja f'pajjiżi mhux fl-UE fejn l-UE twettaq azzjoni ta' appoġġ, f'konformità mal-aqwa standards. Dan biex jissaħħu l-ġurisdizzjonijiet kriminali nazzjonali f'konformità mal-prinċipju ta' komplementarjetà mal-Qorti Kriminali Internazzjonali, pereżempju mekkaniżmi u proċessi tal-ġustizzja transizzjonali sensittivi għall-ġeneru.
- Tiżgura, permezz tal-forniment tar-riżorsi adegwati, li n-nisa jkunu fil-qalba tar-rispons umanitarju, tas-sokkors u tal-ħidma ta' rkupru kif ukoll tal-ġhajjnuna għall-iżvilupp u tal-programmazzjoni. In-nisa għandhom jiġu inklużi fit-tfassil, l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' sokkors, ta' rkupru u ta' rikostruzzjoni u għandhom jiġu kkonsultati dwar il-ħtiġijiet fil-bidu ta' kull emerġenza.

- Tiżgura li l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika jibnu fuq l-esperjenza ta' bażi għall-iffaċilitar ta' bidla sostanzjali u fuq il-progress li sar matul il-fażi ta' sikkors u rkupru. Tiżgura li s-soċjetà ċivili inklużiva u l-assoċjazzjonijiet tan-nisa jipparteċipaw b'mod sinifikattiv u ekwu fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu, inklużi f'konferenzi tad-donaturi³⁸, li jgħinu biex jinbnew is-sħubiji.
- Tiżgura li t-tnejn għall-kriżijiet u l-ippjanar u l-azzjoni ta' rkupru ta' wara d-diżastri u wara l-kunflitti, inkluż it-taħriġ ta' uffiċjali tal-gvern u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, huma bbażati fuq approċċ inklużiv f'dak li jirrigwarda l-ġeneru u parteċipatorju, b'kont meħud tal-impatt fuq il-ġeneri tal-valutazzjoni tar-riskji (l-Indiċi tal-Ġeneru tar-Riskju³⁹).

Qafas normattiv dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel

42. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija dritt tal-bniedem fundamentali, valur komuni tal-UE ddikjarat fl-oqfsa tal-politika tal-UE u kondizzjoni meħtieġa għall-kisba tal-oġettivi relatati mal-eliminazzjoni tal-faqar, iż-żieda fit-tkabbir, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali u l-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà. Hija inkluża wkoll fl-obbligi u l-impenji internazzjonali, bħalma huma l-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa, il-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing, l-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli u l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp. L-oġettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE jiffurmaw il-prinċipji li jiggwidaw il-ħidma f'dan il-qasam.

³⁸ Fil-fażi ta' rikostruzzjoni, hemm opportunità biex tiġi faċilitata iktar ugwaljanza bejn is-sessi bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, pereżempju fir-rigward tal-iżvilupp ekonomiku, l-aċċess għall-art u r-riżorsi naturali.

³⁹ Servizz għall-istrumenti tal-politika barranija — Strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi. Il-manwal tal-indikaturi għall-istrument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi — IcSP. https://ec.europa.eu/fpi/key-documents_en

Għalhekk, l-UE ser:

- Tkompli tissorvelja s-segwitu għall-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u b'mod partikolari il-qasam kritiku dwar in-nisa u l-kunflitti armati.
- Tkompli tippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni ta' strumenti ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU u l-protokolli fakultattivi tagħhom, b'mod partikolari l-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa (CEDAW) u l-protokoll fakultattiv tagħha u ssaħħaħ ir-rabta bejn s-CEDAW u l-Aġenda dwar id-WPS permezz tar-Rakkomandazzjonijiet Ġenerali (GR) 30 u 35.
- Tkompli tappoġġa bil-qawwa l-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), speċjalment fil-qasam ta' vjolenza sesswali u sessista marbuta ma' kunflitti, sabiex titrawwem ir-responsabbiltà u tiġi miġġielda l-impunità. Il-QKI hija l-ewwel u l-unika qorti kriminali internazzjonali permanenti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-aktar reati serji.
- Tkompli tappoġġa l-ħidma mwettqa mill-Mekkaniżmu Internazzjonali li Jeżerċita s-Setgħat Residwi tal-Qrati Kriminali u tribunali internazzjonali oħra.
- Tkompli timplimenta l-politika tagħha stabbilita fil-'Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni tal-konformità mal-Liġi Umanitarja Internazzjonali", b'attenzjoni partikolari biex tiġi rispettata l-projbizzjoni tal-istupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali.
- Tkompli timplimenta l-aġenda għaż-"żgħażaġh, il-paċi u s-sigurtà", kif stabbilit fil-UNSCR 2250 u 2419. Dan jinkludi l-indirizzar tal-inugwaljanzi (persistenti) li jpoġġu liż-żgħażaġh nisa u irġiel friskju partikolari u b'attenzjoni partikolari biex tiżdied ir-rappreżentanza inklużiva tan-nisa żgħażaġh fil-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-kunflitti.

Tisħiħ tas-sjieda lokali, nazzjonali u reġjonali

43. Proċess ta' paċi inklużiv huwa aktar probabbli li jidentifika u jindirizza l-kawżi fundamentali ta' kunflitt u jiżgura li l-ħtiġijiet tas-setturi milquta tal-popolazzjoni huma indirizzati. Għalhekk, li tissaħħaħ is-sjieda lokali, nazzjonali u reġjonali filwaqt li tkun żgurata konsultazzjoni u kooperazzjoni ma' partijiet interessati lokali, inkluż is-soċjetà ċivili, hija vitali. L-inklużività żżid ukoll il-leġittimità u s-sjieda nazzjonali ta' ftehim ta' paċi u l-implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, din tnaqqas il-probabbiltà ta' atturi esklużi li jdgħajfu l-proċess. Proċess inklużiv ma jimplikax li l-partijiet interessati kollha jieħdu sehem direttament fin-negozjati formali, iżda jista' jiffaċilita l-interazzjoni bejn il-partijiet fil-kunflitt u partijiet interessati oħra u joħloq mekkaniżmi li jinkludu l-perspettivi kollha fil-proċess. Mekkaniżmi speċifiċi jistgħu jkunu meħtieġa biex jiżguraw li n-nisa li jaħdmu għall-konsolidazzjoni tal-paċi u l-organizzazzjonijiet tan-nisa jkunu inklużi b'mod sinifikattiv fil-proċess.

Għalhekk, l-UE ser:

- Tappoġġa l-bini tal-kapaċità għal u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn is-sħab u l-pajjiżi li mhumx fl-UE, inkluż mekkaniżmi u istituzzjonijiet nazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.
- Tikkonsulta l-organizzazzjonijiet tan-nisa, nisa li jaħdmu għall-konsolidazzjoni tal-paċi u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tappoġġa l-inklużjoni tagħhom fil-proċessi ta' paċi formali u informali, u fejn relevanti, it-tmexxija ta' dawn il-proċessi min-naħa tagħhom.
- Tiżgura li l-UE b'mod sinifikattiv u ekwu timpenja ruħha ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jġigifieri, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li fihom in-nisa għandhom rwoli ta' tmexxija, jikkontribwixxu għall-istrateġija, u li fihom jinstemgħu l-ilħna ta' nisa differenti u dawn jiġu rappreżentati fuq il-firxa ta' kwistjonijiet li tiffaċċa s-soċjetà.
- Tiżgura l-appoġġ għal organizzazzjonijiet mhux governattivi internazzjonali u reġjonali li jippromwovu s-sjieda lokali u l-inklużjoni u jikkontribwixxu għall-bini tal-kapaċitajiet nazzjonali.

Tisħiħ tal-kooperazzjoni u d-djalogu ma' atturi oħrajn

44. Il-kooperazzjoni mal-atturi internazzjonali hija kruċjali biex tiġi implimentata l-Aġenda dwar id-WPS b'mod effettiv u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' sforzi u l-kompetizzjoni għar-riżorsi. Il-kooperazzjoni hija meħtieġa wkoll biex tiġi kondiviża l-analiżi, it-tagħlimiet meħuda u r-riżorsi, kif ukoll biex tiġi żgurata l-koerenza bejn ir-riżultati tal-programmi u l-iżvilupp tal-politika fil-livelli globali, reġjonali u nazzjonali. Huwa importanti li d-djalogu bejn l-atturi differenti jitwettaq fil-livelli kollha (lokali, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali), kif ukoll bejniethom, u li jinkludi s-soċjetà ċivili. Huwa importanti wkoll li l-organizzazzjonijiet internazzjonali ma jikkompetux mal-organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili meta daww l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jipprovdu kontribut simili għall-politika jew il-programmi (pereżempju l-produzzjoni ta' studji).

Għalhekk, l-UE ser:

- Tippromwovi s-sħubiji inklużivi u t-titjib fil-kondiviżjoni ta' esperjenzi, tagħlimiet meħuda u l-aħjar prassi fost il-partijiet interessati kollha dwar l-aspetti kollha tal-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS. Dan jinkludi li jiġu identifikati interessi konġunti, partikolarment b'kont meħud tal-isfidi u l-opportunitajiet li wieħed jiltaqa' magħhom.
- Tkompli taħdem flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti, b'mod partikolari n-NU iżda wkoll oħrajn bħal: l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO), l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS), il-G20, il-G7, l-Unjoni Afrikana (UA), il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u l-Unjoni għall-Mediterran (UgħM). Tkompli taħdem ukoll flimkien ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħrajn li jinsabu lesti li jgħallaw il-ħidma lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-paċi u s-sigurtà filwaqt li jibnu fuq l-inizjattivi u l-esperjenzi eżistenti, bil-għan li jinħolqu sinerġiji f'sitwazzjonijiet fejn l-UE u n-NU jew organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn ikollhom rwoli sinifikanti.

- Tippetromwovi u tappoġġa l-inizjattiva tal-punti fokali nazzjonali tad-WPS, li jservu bħala forum transreġjonali u jipprovdu spazju għall-iskambju tal-esperjenzi u l-aħjar prattiki sabiex tawvanza l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar id-WPS, u biex jittiebu l-koordinazzjoni tal-fondi u l-programmi ta' assistenza.
- Tippetromwovi u tappoġġa l-inizjattiva dwar l-aċċelerazzjoni reġjonali tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU (RAR1325), li hija mmirata primarjament lejn skambji fil-livell tekniku fost konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u prattikanti oħrajn f'organizzazzjonijiet multilaterali u reġjonali. Din għandha l-għan li toħloq forum li jtejjeb l-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS u li tippetromwovi s-sinerġiji bejn il-parteciċipanti mill-UE, in-NU, in-NATO, l-UA u l-OSKE.
- Tippetromwovi u tinkoraġġixxi prattiki inklużivi li għandhom l-għan li jtejjbu l-koerenza, il-koordinazzjoni u l-effiċjenza.
- Tippetromwovi d-djalogu bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-UE, ikkoordinati mis-SEAE u fpajjiżi mhux tal-UE kkoordinati minn delegazzjonijiet tal-UE.

Miżuri ta' appoġġ

Appoġġ Politiku għall-implimentazzjoni effettiva tal-Aġenda dwar id-WPS

45. L-implimentazzjoni b'mod effettiv tal-Aġenda dwar id-WPS tfisser li jittieħed approċċ olistiku. Huwa ta' importanza kbira li l-approċċi ta' esklużjoni u daww ibbażati fuq silos jiġu trasformati f'modi inklużivi u komprensivi tal-involvement u l-ħidma. Għad hemm intendiment limitat u xi drabi aċċettazzjoni limitata ta' dan. Għalhekk, l-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS għandha tiġi sostnuta mit-tmexxija politika u l-impenn politiku l-aktar b'saħħithom possibbli.

Għalhekk, l-UE ser:

- Tippromwovi l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar id-WPS fil-kuntesti kollha, inklużi fora multilaterali u kooperazzjoni bilaterali, permezz ta' djalogi politiki u dwar id-drittijiet tal-bniedem, sħubiji, dikjarazzjonijiet, skambji multilaterali, komunikazzjonijiet u dikjarazzjonijiet konġunti ma' pajjiżi sħab.
- Tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva kontinwa tal-Aġenda dwar id-WPS fi ħdan l-UE permezz tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-approċċ strateġiku tal-UE għad-WPS, l-impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-Pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi II.
- Tippromwovi u tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS permezz tal-mandat tal-Konsulent Prinċipali tas-SEAE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u r-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.
- Tinkorpora approċċ koerenti lejn il-ġeneru u d-WPS fil-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE, u tippromwovih.
- Tippromwovi l-intendiment u l-ħsieb kreattiv dwar l-Aġenda dwar id-WPS, inkluż fl-isfera pubblika usa'.
- Tiżgura li l-Aġenda dwar id-WPS tkun tema ewlenija tal-impenn politiku u diplomatiku dwar l-isfidi emerġenti u dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi, fraġilità, kunflitt u wara l-kunflitt, filwaqt li titqies il-prijorità ta' diplomazija preventiva fir-rigward tas-sitwazzjonijiet kollha ta' din ix-xorta.
- Tippromwovi kooperazzjoni msaħħa u inklużiva dwar l-implimentazzjoni tad-WPS mal-partijiet interessati kollha, inkluż il-gvernijiet nazzjonali, il-korpi leġiżlattivi, l-istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem, il-korpi għall-ugwaljanza bejn is-sessi, l-awtoritajiet lokali, l-atturi tas-soċjetà ċivili, l-atturi mhux statali, is-settur privat, l-atturi umanitarji, l-atturi tal-iżvilupp, l-atturi umanitarji u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali.

- Tippetwovi l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali ta' sostenn għall-medjazzjoni sensitivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru. Tkompli tikkunsidra l-proċessi ta' paċi bħala opportunitajiet għall-promozzjoni tat-tiżi tal-pożizzjoni tan-nisa, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi, il-parteċipazzjoni sinifikattiva u ekwa tan-nisa u r-rispett għad-drittijiet tan-nisa f'negozjati u l-ftehimiet ta' paċi li jirriżultaw minnhom.
- Tiżgura li dawk kollha involuti fil-medjazzjoni tal-UE jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet matul in-negozjati għall-paċi u qabel in-negozjati u li jfittxu li jiżguraw l-integrazzjoni u l-prijoritizzazzjoni tagħhom fil-fażi sussegwenti tal-bini tal-paċi u r-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitt, inkluż permezz ta' pożizzjonijiet ta' esperti f' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi b'biżżejjed riżorsi fl-interventi kollha ta' medjazzjoni tal-UE.
- Tiżgura li l-iskjeramenti kollha tal-UE lejn żoni fraġli u milqutin minn kunflitt u l-emerġenzi umanitarji jinkludu biżżejjed kapaċità sabiex tiġi implimentata l-Aġenda dwar id-WPS, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni ta' esperti u l-konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi b'riżorsi adegwati fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet kollha ta' sigurtà u ta' difiża komuni, id-delegazzjonijiet tal-UE u r-Rappreżentanti Speċjali tal-UE. Tiżgura li l-persunal militari u ċivili kollu skjerat mill-UE, inkluż persunal b'pożizzjonijiet għolja, ikun imħarreġ biżżejjed dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-WPS u b'mod aktar speċifiku dwar kif tiġi integrata perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet rispettivi tagħhom.

Finanzjament u riżorsi

46. Il-finanzjament huwa meħtieġ biex l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi, il-bilanċ bejn kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u azzjonijiet speċifiċi oħrajn biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi jkunu possibbli. Fid-dawl ta' dan u abbażi ta' bosta evalwazzjonijiet u rapporti⁴⁰, in-nuqqas globali ta' u/jew finanzjament limitat jibqa' l-ostaklu prinċipali għall-implimentazzjoni effettiva tal-Aġenda dwar id-WPS. Kemm fl-UE kif ukoll globalment, hemm bżonn ta' finanzjament għal proġetti/programmi li għandhom bħala l-oġettiv prinċipali tagħhom l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-WPS, kif ukoll għall-integrazzjoni tal-aspetti u l-perspettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fi proġetti/programmi oħrajn. In-nuqqas ta' riżorsi, inkluż il-bini tal-kapaċità internament, għall-ħidma fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS jibqa' sfida ewlenija u għalhekk dan għandu jiġi indirizzat. Barra minn hekk, huwa meħtieġ ambjent makroekonomiku abilitanti sabiex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tad-disparità bejn is-sessi.

⁴⁰ Goldberg, D. B. (2015). Civil Society Organisation (CSO) Survey for the global study on women, peace and security: CSO perspectives on UNSCR 1325 implementation 15 years after adoption. The Global Network of women peacebuilders. <http://peacewomen.org/sites/default/files/CSO%20Survey%20Report%20FINAL.pdf>
Coomaraswamy, R., & UN Women. (2015). Preventing conflict, transforming justice, securing the peace: a global study on the implementation of United Nations Security Council resolution 1325. (<http://reliefweb.int/sites/reliefweb.int/files/resources/UNW-GLOBAL-STUDY-1325-2015.pdf>)
Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti. (mingħajr data). Trust Fund Factsheet — Global Acceleration Instrument. (<http://mptf.undp.org/factsheet/fund/GAI00>).

47. Progress sinifikattiv u dejjiemi jeħtieġ approċ ibbażat fuq id-drittijiet sabiex jiżgura li n-nisa mhux biss jiksbu ħiliet u assi iżda jeżerċitaw għażla u kontroll fuq l-opportunitajiet u r-riżorsi, u jkunu kapaċi jsawwru deċiżjonijiet ekonomiċi fil-livelli kollha. Ser tingħata attenzjoni speċifika lir-rwoli tan-nisa u l-pożizzjonijiet tagħhom fi ħdan l-ekonomiji formali u informali. Il-ħidma biex tiġi implimentata l-Aġenda dwar id-WPS, inkluż fil-pajjiżi ta' kunflitt u ta' wara l-kunflitt, ilha nieqsa mir-riżorsi. Finanzjament dirett, affidabbli u prevedibbli mogħti permezz ta' għotjiet flessibbli jew finanzjament fit-tul jista' jagħmel differenza fil-ħolqien tal-kondizzjonijiet għall-movimenti fil-livell lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex tiġi implimentata l-Aġenda dwar id-WPS.

Għalhekk, l-UE ser:

- Taħdem biex tinkludi l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-Aġenda dwar id-WPS fl-istrumenti ta' finanzjament applikabbli tal-azzjoni esterna tal-UE.
- Tagħmilha rekwiżit li jkun inkluż baġit għal esperti dwar kwistjonijiet ta' ġeneru u/jew konsulenti f'dan il-qasam fl-operazzjonijiet u l-missjonijiet kollha tal-PSDK kif ukoll fid-delegazzjonijiet tal-UE.
- Tiżgura finanzjament adegwat, sostnut u prevedibbli permezz tal-programmazzjoni u l-integrazzjoni f'azzjonijiet mhux programmati biex jimplimentaw l-Aġenda dwar id-WPS.
- Filwaqt li jiġi rikonoxxut l-approċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE u fl-istrumenti ta' finanzjament tal-azzjoni esterna tal-UE, meta possibbli tagħti prijetà (diretta) lill-għotjiet ta' azzjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-proġetti tad-WPS immexxi minn organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tan-nisa.
- Tinkoraġġixxi l-prattika tal-analiżi tal-ġeneru bħala rekwiżit għall-finanzjament tal-azzjoni esterna tal-UE.
- Tinkoraġġixxi finanzjament dedikat għall-evalwazzjoni esterna u indipendenti tal-approċ strateġiku tal-UE għad-WPS. Tinkoraġġixxi wkoll li l-evalwazzjonijiet tal-politika u tal-azzjoni esterna kollha tal-UE ikunu sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru.
- Tassigura livell minimu ta' limitazzjonijiet amministrattivi għall-aċċess għall-finanzjament minn organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili, fil-limiti tar-Regolament Finanzjarju tal-UE.

- Tippetwovi finanzjament dedikat għar-riċerka dwar id-WPS.
- Tivvaluta, tissorvelja u, meta applikabbli, tikkompensa l-miżuri tal-UE, tal-Istati Membri tal-UE u tas-sħab tal-UE għal kontra t-terroriżmu, inkluż il-liġijiet dwar il-finanzjament għall-għieda kontra t-terroriżmu, b'tali mod li dawn ma jaffettwawx b'mod negattiv, ma jillimitawx jew ikollhom impatt fuq id-drittijiet tan-nisa.
- Tiżgura l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-finanzjament għall-iżvilupp (l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa).

Bini tal-kapaċitajiet u t-taħriġ

48. L-implimentazzjoni effettiva tal-Aġenda dwar id-WPS tiddependi fuq is-sensibilizzazzjoni u l-għarfien, il-ħiliet, il-kapaċitajiet u r-riżorsi tan-nisa u l-irġiel fil-livelli kollha tal-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Fid-dawl tal-kumplessitajiet fl-ambjent ta' sigurtà tal-lum u l-espanzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS, il-bini tal-kapaċitajiet u t-titjib tat-taħriġ u l-edukazzjoni lejn paċi sostenibbli, is-sigurtà u l-ugwaljanza bejn is-sessi tirfed l-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS kollha.
49. It-taħriġ immirat huwa komponent ewlieni għall-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS. Il-politika l-ġdida tal-UE dwar it-taħriġ fil-PSDK⁴¹, adottata fil-15 ta' Marzu 2017, tistabbilixxi taħriġ obligatorju u standardizzat għal qabel l-iskjerament bħala prerekwiżit għall-iskjerament ta' persunal kemm issekondat kif ukoll ikkuntrattat. Filwaqt li t-taħriġ ta' qabel l-iskjerament huwa diġà disponibbli għall-persunal skjerat f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK, għadu mhuwiex obligatorju għal kulħadd. Tipi oħra ta' intervent (pereżempju is-sostenn għall-medjazzjoni) għadhom neqsin minn tali approċċ strutturat u obligatorju għat-taħriġ. Skont din il-politika ġdida dwar it-taħriġ, it-taħriġ kollu fil-PSDK għandu jirrifletti l-prinċipji bażiċi tal-UE, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għanijiet tad-WPS. Barra minn hekk, il-komponenti relatati mal-ġeneru ser ikomplu jiġu integrati b'mod aktar sistematiku fit-taħriġ u s-seminars interni tal-PSDK.

⁴¹ Il-politika tal-UE dwar it-taħriġ fil-PSDK (5197/2/17 REV 2), 15 ta' Marzu 2017.

Għalhekk, l-UE ser:

- Tkompli ttejjeb l-intendiment tagħha ta' kwistjonijiet relatati mal-Aġenda dwar id-WPS permezz ta' taħriġ intensifikat u kkonsolidat fil-livelli kollha, inkluż fil-livell manġerjali superjuri. Titlob li l-Istati Membri joffru korsijiet ta' taħriġ rilevanti bħala parti mill-programm ta' taħriġ annwali tal-UE biex iħarrġu liċ-ċittadini tagħhom, u jinkoraġġuhom biex jifihru dawn il-korsijiet għal parteċipanti minn Stati Membri oħra meta jkun possibbli.
- Tiżgura li l-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) qed ikompli jgħanna fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet ta' taħriġ kollha tiegħu, inkluż il-korsijiet u t-taħriġ eżistenti kollha u dawk ipprovduti lokalment fl-Istati Membri.
- Tiżgura li l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata f'kull attività ta' manġġar ta' kriżijiet għall-operazzjonijiet u l-missjonijiet tal-PSDK u l-azzjoni esterna fil-qasam umanitarju u dik relatata mal-iżvilupp.
- Tiżgura li l-Kummissjoni Ewropea u s-SEAE jinkludu regolarment id-WPS fil-korsijiet ta' taħriġ dwar il-ġeneru eżistenti u futur fis-SEAE, il-Kummissjoni, id-delegazzjonijiet tal-UE u l-istrutturi tal-PSDK. Tali taħriġ għandu jinkludi kif għandha tiġi integrata fil-prattika perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-ħidma ta' kuljum.
- Tiżgura li komponent/modulu dwar id-WPS jiġi integrat fil-korsijiet ta' taħriġ online u li komponent dwar il-ġeneru jiġi sistematikament inkluż fil-korsijiet ta' taħriġ relatati mas-setturi rilevanti kollha, bħalma huma d-diżarm, demobilizzazzjoni u reintegrazzjoni, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà u l-osservazzjoni elettorali.
- Tippromwovi t-taħriġ għall-atturi kollha tal-UE fil-medjazzjoni, inkluż dawk appoġġati finanzjarjament jew teknikament mill-UE, dwar kif għandha ssir u tiġi użata l-analiżi tal-ġeneru u tiġi integrata perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fis-sostenn għall-medjazzjoni.
- Tipprovdi taħriġ dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u dwar kif għandu jinbidel il-kunflitt u n-normi u r-rwoli soċjalizzati relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi lill-persunal tagħha, u tappoġġa t-taħriġ għas-sħab governattivi u mhux governattivi.

- Tiżgura li t-taħriġ huwa mfassal abbażi tal-ħtiġijiet ta' min jirċevih u li jintuża taħriġ jew mentoraġġ fejn ikun xieraq, partikolarment għal dawk f'pożizzjonijiet maniġerjali jew ta' livell għoli ta' responsabbiltà.
- Tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jipprijoritizzaw it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-taħriġ bħala prijorità fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom u f'attivitajiet li jappoġġaw pajjiżi li mhumix fl-UE.
- Tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jipprijoritizzaw u jinvestu fl-iżvilupp ta' għodod ta' taħriġ bħal taħriġ bil-kompjuter (ibbażati fuq l-internet, podcasts) u pakketti ta' taħriġ oħra. Dawn il-moduli ta' taħriġ żviluppatti għad-delegazzjonijiet tal-UE u għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK jistgħu jiġu kondiviżi wkoll ma' sħab u pajjiżi li mhumix fl-UE.

Skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar Prattika

50. It-task force informali tal-UE dwar id-WPS wera li huwa forum utli għall-iskambju u s-sħubija bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili⁴².
51. It-task force ser jiltaqa' erba' darbiet fis-sena, darbtejn f'livell strateġiku kopresedut mis-SEAE u l-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u darbtejn f'livell tekniku/ta' ħidma.
52. Id-delegazzjonijiet tal-UE għandhom ilaqqgħu fora għall-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba fil-pajjiżi tagħhom u reġjonalment sabiex ilaqqgħu flimkien id-delegazzjonijiet tal-UE, il-missjonijiet tal-PSDK u l-Istati Membri tal-UE mas-soċjetà ċivili biex jipprovdu input kuntestwali sod.
53. L-UE għandha l-għan li tistabbilixxi sħubiji u alleanzi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħrajn u b'mod partikolari pjattaformi strutturati u formalizzati għall-kooperazzjoni fil-livelli kollha, mil-livell politiku għal dak tax-xogħol. Biex ikunu sostenibbli u effikaċi, l-approċċi minn fuq għal isfel iridu jkunu akkumpanjati minn miżuri maħsuba u implimentati fil-livelli kollha.

⁴² Inkluż l-akkademja.

Għalhekk, l-UE ser:

- Tappoġġa l-istabbiliment ta' forum⁴³ għall-iskambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki u trawwem l-innovazzjoni fost il-prattikanti (konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u punti fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru) f'livelli differenti, peress li jekk jiġi żgurat li l-għażliet ta' politika jiġu infurmati mill-esperjenzi, l-għarfien u l-ideat tal-prattikanti dan ikun kruċjali għall-implimentazzjoni effettiva u sostenibbli tal-approċċ strateġiku l-ġdid tal-UE għad-WPS. Dan ser ikun applikabbli fi ħdan l-UE, bejn l-organizzazzjonijiet u fi ħdan u bejn networks diġà stabbiliti u li jiffunzjonaw, pereżempju networks diġà stabbiliti fil-Kummissjoni Ewropea.
- Tiggwida lejn l-implimentazzjoni tal-approċċ strateġiku l-ġdid tal-UE għad-WPS li qed jitmexxa b'mod inklużiv u tiżgura li jinkludi l-parteċipazzjoni l-aktar wiesgħa possibbli ta' partijiet interessati differenti.
- Tappoġġa networks inklużivi ġodda u eżistenti tal-punti fokali u l-esperti li għandhom l-għan li jtejbju l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u jimplimentaw l-aġenda dwar id-WPS.

Tmexxija u responsabbiltà

54. It-tmexxija u r-riżorsi adegwati fil-livelli kollha huma kruċjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-Aġenda dwar id-WPS. Dan jirrikjedi intendiment sod tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-WPS sabiex it-tmexxija tista' tkun sensittiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru. F'konformità mal-qafas ta' politika ġenerali tal-UE tal-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u d-WPS, ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS hija f'idejn l-Istati Membri. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-korpi rilevanti għandhom rwol importanti wkoll fil-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS.

⁴³ Eżempju wieħed ta' dan huwa l-kooperazzjoni mal-Aċċelerazzjoni Reġjonali tar-Risoluzzjoni (RAR) 1325 man-Nazzjonijiet Uniti, l-UE, in-NATO, l-Unjoni Afrikana u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

Għalhekk, l-UE ser:

- Tiżgura li l-persunal maniġerjali jippromwovi b'mod attiv l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-WPS fi ħdan is-servizzi tagħhom billi jinkludu dan fid-deskrizzjonijiet tal-funzjoni tal-pożizzjonijiet kollha ta' tmexxija u billi jiżguraw li dawn l-elementi jkunu parti mill-evalwazzjoni tal-persunal maniġerjali. Dan jinkludi l-mandati għal Kapijiet ta' Delegazzjoni, Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kapijiet/Kmandanti tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK.
- Tiżgura li l-persuni impjegati jew skjerati mill-UE f'pożizzjonijiet ta' tmexxija jkunu rċevew taħriġ avvanzat dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-WPS qabel l-iskjerament tagħhom. Tiżgura wkoll li l-mexxejja u l-persunal maniġerjali jkunu infurmati tajjeb dwar il-ħidma multidimensjonali tal-konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-punti fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru.
- Tiżgura li l-impjegati, il-kuntratturi u s-sħab fl-implementazzjoni kollha rreklutati mill-UE jippromwovu l-implimentazzjoni effettiva tal-Aġenda dwar id-WPS u jiżguraw li r-responsabbiltà primarja taqa' fi ħdan il-livelli ta' tmexxija u daww maniġerjali u li l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà jkunu mħeġġa.
- Tiżgura li d-deskrizzjonijiet tal-impjieg, it-termini ta' referenzi u r-rekwiżiti għal sejħiet għal offerti u kuntratti regolament jinkludu r-rekwiżit li tiġi ndirizzata l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-kunsiderazzjonijiet marbuta mad-WPS fl-oqsma kollha tax-xogħol, inkluż ir-rekwiżit biex jitwettag taħriġ speċifiku kif meħtieġ.

Funzjonijiet ta' appoġġ

55. Il-ħidma tal-konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-punti/persuni fokali hija ċentrali biex il-politiki tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u d-WPS jitfissru f'analiżi, ippjanar, twettiq u evalwazzjoni. Il-persuni f'dawn il-pożizzjonijiet għandhom għalhekk jiġu pożizzjonati b'mod strateġiku, b'aċċess mill-qrib għall-maniġment superjuri u għal dokumenti u proċessi strateġiċi. Il-konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-punti fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru għandhom rwol importanti wkoll biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-perspettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kompiti u l-operazzjonijiet ta' kuljum. F'missjonijiet ċivili tal-PSDK, l-istrutturi tal-punt fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru ġew żviluppati b'suċċess biex jiffunzjonaw bħala estensjoni ta' konsulent dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, filwaqt li tiġi żgurata kopertura usa' tal-isforzi tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi.

56. Fid-delegazzjonijiet tal-UE, il-persuni fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru huma partijiet interessati ewlenin, responsabbli mill-konsulenza u l-koordinazzjoni tal-isforzi kollha u l-azzjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. Huma responsabbli biex tiġi faċilitata u appoġġata l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi II (GAP II). In-netwerk ta' persuni fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru jiltaqa' fi Brussell kull sena. Il-fokus prinċipali ta' dan l-avveniment huwa biex: (i) jittieħed kont ta' għarfien u esperjenzi eżistenti; (ii) jiġi faċilitat it-tagħlim; u (iii) jiġi diskuss il-progress fuq il-GAP II, partikolarment fir-rigward tal-għan tal-"bidla kulturali istituzzjonali" u r-rapportar.

Għalhekk, l-UE ser:

- Tiżgura li l-konsulenti u l-punti fokali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-kwistjonijiet dwar il-ġeneru huma strateġikament ippożizzjonati u jkollhom riżorsi suffiċjenti.
- Tkompli ssaħħa il-kapaċità ta' konsulenza dwar il-ġeneru fl-UE, preferibbilment flimkien mas-sħab multilaterali u reġjonali attwali kollha u permezz ta' skambji ma' prattikanti u akkademiċi esperti tas-soċjetà ċivili.
- Tinkoraġġixxi bilanċ bejn il-ġeneri fost konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u punti fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru billi theghegħ iktar irġiel jieħdu dawn il-pożizzjonijiet.
- Tissistemizza l-użu ta' punti fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru u tibni netwerk ta' punt fokali bbilanċjat bejn il-ġeneri kemm b'persunal nazzjonali u kif ukoll internazzjonali.
- Tiżgura li meta l-punti fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru huma maħtura/magħżula, din ir-responsabbiltà ssir parti mid-deskrizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u sussegwentement tal-evalwazzjonijiet annwali tagħhom. Din il-ħidma hija importanti daqs kull xogħol ieħor u dan għandu jiġi rifless kif xieraq fl-evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni annwali.
- Tinkoraġġixxi użu aktar ġenerali tal-istrutturi tal-punti fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru bħala mod biex jiffaċilitaw u jippromwovu l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi f'ħidmiet ta' kuljum, bl-użu ta' prattika tajba b'mod partikolari mill-missjonijiet ċivili tal-PSDK.

- Tiffaċilita aktar l-iskambju ta' ideat u l-interkonnessjoni bejn il-konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tal-UE, il-punti fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru u persuni fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru, pereżempju permezz ta' laqgħat fiżiċi jew virtwali u l-użu ulterjuri ta' pjattaformi online eżistenti bħal "Together", il-pjattaforma virtwali tan-netwerk Ewropew għall-punti fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru.
- Tinkoraġġixxi l-iskambju ta' prattika tajba u tagħlimiet meħuda bejn il-konsulenti u l-punti/persuni fokali.
- Tinkoraġġixxi d-diversità fost konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-punti/persuni fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru, partikolarment billi jinvolve ruħhom aktar irġiel.

Proċeduri ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar

57. L-UE għandha fis-seħħ sistema robusta għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar, mhux l-inqas bħala parti mill-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għall-2016-2020 (GAP II) u l-impenn strateġiku tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-proċeduri msaħħa ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u rappurtar tad-WPS għandhom l-għan li jtejbju aktar is-segwitu ġenerali tal-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS, inkluż permezz tal-issimplifikar u s-sinkronizzazzjoni ma' proċeduri paralleli ta' rappurtar rilevanti. Is-sistema ta' rappurtar dwar id-WPS għandha l-għan li tiffoka mhux biss fuq *x'għandu* jsir, iżda wkoll dwar *kif* dan isir.
58. It-titjib tas-sistema ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar attwali huma mfittxija kemm f'termini ta' sustanza u kif ukoll f'termini ta' proċess. L-għan huwa li jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-massimizzazzjoni tal-analiżijiet u l-valutazzjonijiet kwantitattivi u kwalitattivi, filwaqt li jiġu mminimizzati it-tfixkil għal fornituri ta' data u l-kumplessitajiet għall-proċessuri tad-data. Barra minn hekk, l-UE timmira li toħloq proċess ta' monitoraġġ ibbażat fuq l-indikaturi, ibbażat fuq l-indikaturi tal-progress. Għall-aspett ta' parteċipazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS, dan jinvolve żieda fl-enfasi fuq il-kwalità tal-inklużjoni tan-nisa flimkien man-numru ta' nisa inklużi. Dan se jagħmilha possibbli li tiġi żviluppata analiżi aktar bir-reqqa tal-parteeipazzjoni ekwa u sinifikattiva tan-nisa u l-influwenza attwali tagħhom fil-proċessi u l-pożizzjonijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

59. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni effettivi, inklużivi u trasparenti fil-qasam tad-WPS jeħtieġu skambju u sħubija bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili. Għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi u proċeduri parteċipattivi effettivi u trasparenti.

Għalhekk, l-UE ser:

- Tkompli tiżviluppa u tuża indikaturi għall-azzjonijiet tagħha sabiex ikun implimentat l-approċċ strateġiku għad-WPS. Tisistematizza d-data diżaggregata skont il-ġeneri fil-politiki esterni kollha tal-UE u tiżgura li l-analiżi tal-impatt tmur lil hinn mid-deskrizzjoni/ir-rappurtar ta' data ġenerali dwar l-inugwaljanza bejn is-sessi, billi tipprovdi studji (ta' każijiet) fil-fond imwettqa mis-soċjetà ċivili indipendenti jew l-akkademja, studji ta' riferiment u skambji regolari ma' rappreżentanti tal-UE (inklużi s-soċjetà ċivili lokali u b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tan-nisa).
- Tiġbor indikaturi relatati mad-WPS minn oqfsa oħra (il-Pjattaforma ta' azzjoni ta' Beijing, il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi II, eċċ.) u tintegrahom kemm jista' jkun fil-qafas tal-indikaturi tad-WPS, biex jiġi żgurat li l-istess data ma tkunx mitluba fi proċeduri ta' rappurtar differenti (dan ser jiffaċilita r-rappurtar).
- Timmira li tkompli ttejjeb l-effikaċja, l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tar-rappurtar kollu tal-UE relatat mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u d-WPS.
- Tipprovdi parametri, sistemi u linji gwida għall-Istati Membri biex jiżguraw li l-proċessi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni jistgħu jiġu aggregati fil-livell reġjonali, filwaqt li jitqies li kull Stat Membru għandu l-ħtiġijiet u l-prioritajiet partikolari tiegħu.
- Tippetgħi partiċipazzjoni effettiva tas-soċjetà ċivili inklużiva, inkluż gruppi domestiċi tad-drittijiet tan-nisa u ta' ħila esperta dwar kwistjonijiet ta' ġeneru, fil-proċessi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali

60. Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandhom rwol importanti fis-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS, primarjament fil-livell nazzjonali.

Għalhekk, l-UE ser:

- Tippromwovi approċċ li jinvolti l-komponenti kollha tal-gvern biex jiżviluppaw u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali. Dan ser jgħin lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jagħtu prijetà lil strateġija fil-livelli kollha tal-gvern jibqgħu impenjati li jinkoraġġixxu lill-pajjiżi kollha fl-UE u barra minnha, biex jiżviluppaw u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali bbażati fuq dan il-prinċipju.
- Tiżgura li jkun hemm biżżejjed riżorsi li jappoġġaw il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati b'mod effettiv.
- Tippromwovi mekkaniżmi parteċipattivi bħala parti mill-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex jiżguraw is-sjieda lokali u l-inklużività, kif ukoll ir-riżorsi.
- Tippromwovi l-istituzzjonalizzazzjoni tal-monitoraġġ parlamentari tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali. Tippromwovi l-parteeipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.
- Tinkoraġġixxi lill-Istati Membri tal-UE biex jappoġġaw reċiprokament lil xulxin fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali.
- Ser tkompli tappoġġa u tippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali f'pajjiżi fejn jsiru l-azzjonijiet esterni tal-UE bl-appoġġ tal-Konsulent Prinċipali tas-SEAE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u r-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.
- Tiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' din l-istrateġija tal-UE dwar id-WPS jinstabu fi pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali futuri tal-Istati Membri tal-UE u pajjiżi li mhumiex fl-UE.

WPS fil-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni

61. L-importanza tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) fil-livelli kollha ġiet ikkonfermata ripetutament mill-Kunsill sa mill-2006⁴⁴. Sa mill-adozzjoni ta' "Approċċ Komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tal-UNSCRs 1325 u 1820 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà.⁴⁵", ġiet żviluppata l-politika speċifika għall-PSDK u din ġiet aġġornata⁴⁶ kontinwament biex tiġi żgurata l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar id-WPS mill-analiżi bikrija u l-ippjanar sat-twettiq tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, inkluż is-segwitu u l-evalwazzjoni tagħhom.
62. Fl-2016, twettaq studju ta' riferiment bħala eżerċizzju ta' rendikont tal-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-PSDK. Barra milli jistabbilixxi linji bażi, ir-rapport dwar l-Istudju ta' Riferiment⁴⁷ jenfasizza wkoll il-progress li sar u juri eżempji ta' prattiki tajba.

⁴⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi għall-kontroll tal-kriżijiet. L-2760 laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali fi Brussell, 13 ta' Novembru 2006.

⁴⁵ Approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà (15671/1/08 REV 1), 1.12.2008.

⁴⁶ L-aħħar li ġie aġġornat fl-2012: Implimentazzjoni tal-UNSCRs dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK (dok. 5799/12).

⁴⁷ Din kienet l-ewwel darba li Studju ta' Riferiment dwar l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi twettaq għall-PSDK. L-istudju, li identifika 21 linja bażi li jivvalutaw sa fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ġew integrati fil-PSDK, huwa magħmul minn żewġ partijiet: (i) ippjanar u studji ta' każijiet ta' impatt imwettqa għal seba' missjonijiet tal-PSDK; u (ii) ħames kwestjonarji lis-servizzi tal-PSDK — id-Direttorat għall-Maniġġar ta' Kriżijiet u l-Ippjanar (CMPD), il-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC), il-Persunal Militari (EUMS) u l-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) - u l-missjonijiet kollha tal-PSDK.

63. Il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK żiedu progressivament il-kapaċità konsultattiva tal-ġeneru tagħhom biex tiżdied l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar id-WPS. Fi żmien l-approvazzjoni tal-Approċċ Strateġiku tal-UE għad-WPS [Diċembru 2018] il-missjonijiet ċivili kollha tal-PSDK kellhom konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi skjerati bi rwol wieħed jew doppju⁴⁸. Il-missjonijiet militari kollha tal-UE u waħda mit-tliet operazzjonijiet militari tal-PSDK għandhom pożizzjonijiet full-time ddedikati ta' konsulenza dwar il-ġeneru u konsulent dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi b'żewġ rwoli fl-ippjanar militari u l-kapaċità ta' tmexxija (MPCC)/il-persunal militari tal-UE (EUMS). Madankollu, l-ebda waħda minn dawn il-pożizzjonijiet għadha ma mtliet, li jipperikola l-abbiltà tal-UE li tikseb implimentazzjoni effettiva.
64. Ir-rwol prinċipali tal-konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK huwa li jipprovdu parir lill-maniġment superjuri dwar l-analiżi tal-ġeneru u l-integrazzjoni tal-perspettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi meta jimplimentaw il-mandat tal-missjoni. Ir-responsabbiltajiet tal-konsulent dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi jistgħu jvarjaw skont id-daqs u l-istruttura tal-missjoni u n-natura tal-mandat. Madankollu, dawn dejjem jindirizzaw aspetti kemm interni u kif ukoll esterni. **Esternament**, il-konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi jaħdmu direttament jew indirettament (eż. permezz ta' esperti fis-suġġett u mentors) mal-kontropartijiet lokali min-nazzjon ospitanti, pereżempju fl-abbozzar tal-leġislazzjoni jew fil-bini tal-kapaċità għall-istituzzjonijiet lokali. **Internament**, il-konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi jaħdmu mill-qrib flimkien mal-maniġment ta' missjonijiet/operazzjonijiet u entitajiet oħra tal-missjonijiet fl-ippjanar operazzjonali u strateġiku u l-kapaċitajiet ta' tmexxija. Inġenerali, il-konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi huma faċilitaturi u katalisti: huma jidentifikaw, jappoġġaw u jagħtu pariri. Madankollu, dawn mhumix fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għax-xogħol fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-missjoni/l-operazzjoni, peress li din hija r-responsabbiltà tal-Kap tal-Missjoni jew il-Kmandant.

⁴⁸ Żewġ rwoli (double-hatted) huwa terminu li jintuża sabiex jirreferi għal uffiċjal li jwettaq żewġ rwoli.

65. Fil-missjonijiet ċivili tal-PSDK, il-punti fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru saru għodda komuni użata għall-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi fit-tweqqif tal-mandat tal-missjoni. Il-punti fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru għandhom l-ugwaljanza bejn is-sessi u r-responsabbiltajiet relatati mad-WPS bħala komplement għall-funzjoni primarja tagħhom. Il-punti fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru jaġixxu bħala punt ta' kuntatt u bħala pont bejn il-konsulent dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diversi entitajiet tal-missjoni. Bħal fil-każ ta' konsulenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, ir-rwol ta' punt fokali għal kwistjonijiet dwar il-ġeneru jiddependi mill-mandat tal-missjoni u mill-funzjoni u l-kompiti tagħhom fil-missjoni.
66. Sabiex ikompli jingħalaq id-distakk bejn il-politika u l-prattika, ġie żviluppat u tnieda sett ta' linji gwida operazzjonali dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-2018 għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK⁴⁹. Il-linji gwida għandhom l-għan li: (i) jiffaċilitaw l-integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u jadottaw politiki dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar id-WPS; u (ii) jinkoraġġixxu approċċ aktar uniformi lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-aġenda dwar id-WPS fil-missjonijiet.

⁴⁹ Il-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili ħareġ Linji Gwida Operazzjonali għall-ġestjoni tal-missjonijiet u l-persunal fl-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi (dok. EEAS (2018) 747).

Protezzjoni Ċivili u Għajnuna Umanitarja

67. L-UE adottat approċċ dwar il-ġeneru għall-għajnuna umanitarja, li jirrikonoxxi l-ġeneri bħala kriterju ta' kwalità li jgħin biex jiżgura li l-għajnuna umanitarja tasal għand dawk l-aktar vulnerabbli u tirreaġixxi b'mod effikaċi għall-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa, il-bniet, is-subien, l-irgħiel u n-nisa u l-irgħiel anzjani. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar "L-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Assistenza Umanitarja: Ħtiġijiet Differenti, Assistenza Adattata"⁵⁰, jiddeskrivi l-approċċ tal-UE lejn kwistjonijiet marbutin mal-ġeneru u l-vjolenza sessiste fl-għajnuna umanitarja. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal jirreferi għall-qafas dwar id-WPS u l-approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tal-UNSCRs 1325 u 1820 dwar id-WPS, kif ukoll s-17-il indikatur adottati mill-Kunsill. Il-politika tinkludi kapitolu dwar il-vjolenza sesswali u sessista u l-UE tappoġġa azzjonijiet immirati biex tiġi eliminata din il-vjolenza.
68. Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-politiki u l-konsistenza bejniethom, l-UE introduċiet għodda li tikkunsidra l-integrazzjoni tal-ġeneru u l-età, li tapplika għall-proġetti umanitarji kollha ffinanzjati mill-UE sa minn Jannar 2014. L-għodda li tikkunsidra l-integrazzjoni tal-ġeneru u l-età hija għodda li tuża erba' kriterji ta' kwalità li jkejlu b'kemm qawwa l-azzjonijiet umanitarji kollha ffinanzjati mill-UE jintegraw il-ġeneru u l-età fl-istadju tal-proposta, tal-monitoraġġ u tar-rapport finali.
69. Il-qafas dwar id-WPS huwa għalhekk rilevanti ħafna għall-ħidma umanitarja tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-protezzjoni minn vjolenza sesswali u sessista f'emerġenzi.

⁵⁰ Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar "L-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Assistenza Umanitarja: Ħtiġijiet Differenti, Assistenza Adattata" Brussell, 22.7.2013 SWD (2013) 290 final.

Kooperazzjoni Internazzjonali u Żvilupp

70. Il-parteċipazzjoni tal-bniet u tan-nisa u l-ilħna fil-livelli kollha tas-soċjetà huma essenzjali biex jinkisbu soċjetajiet ġusti u inklużivi, id-Direttorat għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (DĠ DEVCO) tal-Kummissjoni Ewropea ser tkompli jsaħħaħ l-isforzi tiegħu, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-GAP II, il-pjan ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tal-UE 2016-2020, biex jikkontribwixxi b'mod li jista' jitkejjel għal żieda fl-aġenzija tal-bniet u tan-nisa, il-leħen u l-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' wara l-kunflitt.
71. Il-GAP II jipprovdi l-qafas għal miżuri orjentati lejn ir-riżultati u l-azzjoni koordinata. Dan jikkonsolida l-kuntest, il-motivazzjoni u l-prijoritajiet ta' approċċ rivedut li jafferma mill-ġdid u jfisser l-impenji ta' politika u dawk politiċi tal-UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi fit-twassil iżjed effettiv ta' riżultati konkreti għall-bniet u n-nisa, filwaqt li jippromwovi koordinazzjoni, implimentazzjoni u monitoraġġ aktar effiċjenti tal-attivitajiet tal-UE f'dan il-qasam. Dan fih objettivi speċifiċi dwar iż-żieda tal-aġenzija u r-rappreżentanza tan-nisa, kif ukoll dwar l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza li huma jsofru f'kull sitwazzjoni.
72. Ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-GAP II tal-2017⁵¹ wera li l-aktar objettiv magħżul mid-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi sħab ffazi ta' żvilupp kien "bniet u nisa ħielsa minn kull forma ta' vjolenza kontribom" kemm fl-isfera pubblika kif ukoll f'dik privata.

⁵¹ Ir-rapport annwali ta' implimentazzjoni 2017: Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II, l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa: Nittrasformaw il-Ħajjiet tal-Bniet u tan-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020 (SWD (2018) 451 final), 15.10.2018.

73. Dan l-objettiv jinkludi indikatur speċifiku dwar il-"Protezzjoni għan-nisa u l-irġiel kollha ta' kull età mill-vjolenza sesswali u sessista f'sitwazzjonijiet ta' kriżi; permezz ta' operazzjonijiet appoġġati mill-UE" fejn hija ssuġġerita lista ta' indikaturi biex jitkejjel l-impatt tal-attivitajiet immexxija mill-UE. Dawn l-indikaturi jinkludu, imma mhumiex limitati għal: (i) l-għadd ta' pajjiżi sħab tal-UE li jirrapportaw tnaqqis fl-inċidenza tal-vjolenza sesswali bħala arma ta' gwerra; (ii) l-għadd ta' individwi li jibbenifikaw direttament minn programmi appoġġati mill-UE maħsuba speċifikament għall-appoġġ taċ-ċivili fil-bini tal-paċi wara l-kunflitt u/jew fil-prevenzjoni ta' kunflitti; u (iii) il-perċentwali ta' missjonijiet għaż-żamma u l-bini tal-paċi b'dispożizzjonijiet speċifiċi biex jittejbu s-sigurtà u l-istatus tal-bniet u n-nisa ta' kull età.
74. Skont din il-prijorità tematika partikolari, 34 inizjattiva ġdida biex jissaħħu r-rappreżentanza tan-nisa u l-leħen politiku tagħhom ġew irrappurtati fl-2017, għalkemm ftit kienu ffukati fuq il-paċi u s-sigurtà. Ħafna minnhom kienu dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika, il-governanza u l-proċessi elettorali u dwar l-organizzazzjonijiet tan-nisa u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

Ġustizzja, Konsumaturi u Ugwaljanza bejn is-Sessi

75. Peress li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija wieħed mill-valuri fundamentali tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea hija ddedikata biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Istati Membri u madwar id-dinja, f'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 5 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-ħidma tal-Kummissjoni, kif deher fl-impenn strateġiku tagħha għall-ugwaljanza bejn is-sessi⁵², huwa ċċentrat fuq dawn il-ħames oqsma ta' prijorità: (i) iż-żieda tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-indipendenza ekonomika ugwali tan-nisa u l-irġiel; (ii) it-tnaqqis tad-differenzi bejn is-sessi fil-pagi, il-qliġ u l-pensjonijiet u għaldaqstant il-ġlieda kontra l-faqar fost in-nisa; (iii) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet; (iv) il-ġlieda kontra l-vjolenza sessista u l-ħarsien u l-appoġġ għall-vittmi; u (v) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa madwar id-dinja.
76. Bħalissa, il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol fl-UE hija ta' madwar 10 punti perċentwali inqas minn dik tal-irġiel. Barra minn hekk, il-ħlas tagħhom huwa bħala medja 16 % iktar baxx u huma inqas spiss promossi għal pożizzjonijiet maniġerjali u ta' sorveljanza. Notevolment, inqas minn 6 % tan-nisa għandhom pożizzjoni ta' CEO f'waħda mill-kumpaniji ewlenin elenkati fil-borża fl-UE. It-tisħiħ ekonomiku tan-nisa huwa pass importanti lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi. Dan ġie enfasizzat ukoll fil-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali approvat mill-Kunsill Ewropew f'Novembru li għadda⁵³. Il-vjolenza sessista għadha problema mifruxa fl-UE, b'waħda minn kull tliet nisa jisfgħu vittma ta' vjolenza fiżika, vjolenza sesswali, jew it-tnejn li huma⁵⁴.

⁵² Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Impenn strateġiku għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2019 [SWD(2015) 278 final], 3.12.2015.

⁵³ Id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (Kummissjoni Ewropea). (April 2018). Rapport dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-UE.

⁵⁴ Il-vjolenza sessista għadha problema mifruxa fl-UE, b'waħda minn kull tliet nisa jisfgħu vittma ta' vjolenza fiżika, vjolenza sesswali, jew it-tnejn li huma. Sors: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. (Marzu 2014). Il-vjolenza fuq in-nisa: stħarriġ madwar l-UE kollha. Rapport tar-riżultati ewlenin.

77. Il-Kummissjoni qed tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex jintlaħqu l-prijoritajiet stabbiliti fl-impenn strateġiku tagħha. Dawn jinkludu: (i) il-monitoraġġ tal-leġislazzjoni eżistenti, inkluż dwar id-diskriminazzjoni fil-pagi, l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, il-projbizzjoni tal-fastidju sesswali fuq ix-xogħol, il-protezzjoni tal-ħaddiema nisa tqal, inkluż mit-tkeċċija, l-istandards minimi għad-drittijiet tal-vittmi, u l-ordnijiet Ewropej ta' protezzjoni; (ii) li tipproponi leġislazzjoni ġdida, pereżempju, dwar l-introduzzjoni ta' liv bi ħlas tal-paternità, tal-ġenituri u liv ta' familjari li jindukraw għall-ħaddiema kollha, inkluż perijodi mhux trasferibbli tal-liv tal-ġenituri għall-missirijiet u l-ommijiet u biex tittejjeb it-trasparenza tal-għażla ta' bord tad-diretturi fl-akbar kumpaniji elenkati fil-borża); u (iii) adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul⁵⁵),
78. Il-Kummissjoni tapplika u timplimenta wkoll firxa ta' politiki, bħal: (i) il-pjan ta' azzjoni biex tindirizza d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri⁵⁶, li jinkludi firxa wiesgħa u koerenti ta' aktar minn 20 azzjoni konkreta biex jitwasslu fl-2018-2019; u (ii) il-monitoraġġ tal-Istati Membri permezz tal-proċess ta' sorveljanza ekonomika annwali tas-"Semestru Ewropew". Il-Kummissjoni tiffinanzja inizzjattivi tas-soċjetà ċivili kif ukoll proġetti tal-awtoritajiet nazzjonali permezz tal-programm REC tagħha (drittijiet, ugwaljanza u ċittadinanza), u flimkien mal-EUROSTAT u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi/EIGE, tikkontribwixxi biex tinġabar data komparabbli ta' kwalità dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi mill-Istati Membri kollha tal-UE.

⁵⁵ Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, CETS Nru 210, 11.5.2011.

⁵⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: Pjan ta' Azzjoni tal-UE 2017–2019. L-indirizzar tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa (COM (2017) 678 final), 20.11.2017.

Viċinat u Negojati għat-Tkabbir

79. Ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-2015⁵⁷ semmiet speċifikament li ser isiru iktar sforzi biex tiġi integrata u msaħħa l-implimentazzjoni ta' UNSCR 1325 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, ir-Riżoluzzjonijiet ta' segwitu tagħha u perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u r-reviżjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni. Barra minn hekk, 20 objettiv għall-2020 adottati fl-2017 mill-Istati Membri tal-UE u s-sitt pajjiżi sħab Ewropej tal-Lvant tas-Sħubija tal-Lvant (SL), jiddikjaraw li l-ugwaljanza bejn is-sessi hija kwistjoni trasversali. Din il-kwistjoni hija wkoll fil-mira f'għadd ta' objettivi awtonomi relatati mat-tisħiħ tal-kooperazzjoni għas-sigurtà, b'mod partikolari biex jiġu appoġġati r-risoluzzjoni tal-kunflitti u l-prevenzjoni tal-kriżijiet.
80. Il-Komunikazzjoni tal-2016 dwar il-politika tat-Tkabbir tal-UE⁵⁸ ssottolinjat li "hija meħtieġa aktar ħidma biex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, b'mod partikolari fis-suq tax-xogħol u l-ġlieda kontra l-vjolenza sessista". Il-pajjiżi tat-tkabbir kollha ħlief wieħed irratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul, li għandha artikolu speċifiku dwar sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat, kif ukoll fi żminijiet ta' paċi (l-Artikolu 2.3). Huma meħtieġa aktar sforzi minn pajjiżi tas-SL li għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni.
81. L-Aġenda dwar id-WPS u l-GAP II huma lkoll oqfsa tal-politika rilevanti biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza li jiffaċċjaw in-nisa u l-bniet. Bi tweġiba għal kunflitti mhux solvuti u s-sitwazzjoni degradata tas-sigurtà f'xi partijiet tar-reġjun tal-Viċinat, qed jiġu implimentati numru ta' azzjonijiet. Dawn għandhom l-għan li: (i) iżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa f'inizjattivi ta' bini tal-paċi; (ii) isaħħu l-kapaċità ta' atturi lokali fil-proċessi ta' prevenzjoni tal-kunflitti fil-livell lokali; u (iii) isaħħu l-għarfien espert intern fil-qasam tas-sigurtà biex jiġiu stabbilit approċċ komprensiv għall-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti.

⁵⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (JOIN (2015) 50 final), 18.11.2015.

⁵⁸ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Komunikazzjoni dwar il-Politika tal-UE dwar it-Tkabbir tal-2016, COM(2016) 715 final, 9.11.2016.

Strumenti ta' Politika Barranija

82. Ir-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP⁵⁹) jidentifika l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiżiż tal-pożizzjoni tan-nisa bħala kwistjoni trasversali li għandha tiġi inkluża fejn hu possibbli fl-azzjonijiet kollha, inkluż fil-programmazzjoni. Il-premessa 9 tar-Regolament tagħmel referenza speċifika għar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar id-WPS, b'enfasi fuq il-ħtieġa għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u l-promozzjoni tal-parteeipazzjoni tan-nisa fil-bini tal-paċi.
83. L-Artikolu 3 tar-Regolament⁶⁰, li jkopri r-rispons għal sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti biex jiġu evitati l-kunflitti jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1325 dwar id-WPS. Dawn huma maħsuba biex: (i) jiżguraw li l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' kunflitt jintlaħqu adegwatament; (ii) jiżguraw li titqies is-sitwazzjoni tal-ġellieda nisa f'azzjonijiet relatati mad-demobilizzazzjoni u mal-integrazzjoni mill-ġdid tal-ex-ġellieda u l-familji tagħhom; u (iii) itejbu r-rwol tan-nisa fl-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u l-parteeipazzjoni tagħhom fil-proċessi politiċi, u fil-kontroll ċivili tas-sistema ta' sigurtà.

⁵⁹ Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi. (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 1.).

⁶⁰ Regolament (UE) Nru 230/2014

84. Iż-żieda ta' Tisħiħ tal-Kapaċitajiet għas-Sigurtà u l-Iżvilupp⁶¹ (CBSD), bħala tip ġdid ta' assistenza għall-IcSP, tippermetti lill-UE tappoġġa pajjiżi sħab b'mod aktar effettiv fil-bini tal-kapaċità tagħhom biex jipprevjenu u jiġġestixxu l-kriżijiet waħedhom. L-emenda għar-Regolament li jistabbilixxi l-IcSP tippermetti li tiġi pprovduta l-għajnuna lil atturi militari biex iwettqu kompiti fil-qasam tal-iżvilupp u tas-sigurtà għall-iżvilupp, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali u ddefiniti b'mod ċar: fejn atturi mhux militari ma jistgħux iwettquhom, meta jkun hemm theddida serja għall-eżistenza ta' istituzzjonijiet Statali li jiffunzjonaw jew għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u fejn ikun hemm konsensus bejn il-pajjiż sieħeb ikkonċernat u l-UE li l-atturi militari huma kruċjali għall-preservazzjoni, l-istabbiliment jew l-istabbiliment mill-ġdid tal-kondizzjonijiet essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż fi kriżijiet u f'kuntesti u sitwazzjonijiet fraġli jew destabilizzati. Fl-ambitu tat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet għas-Sigurtà u l-Iżvilupp (CBSD), l-azzjonijiet jikkunsidraw il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' kunflitt.

⁶¹ Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: It-tisħiħ tal-kapaċitajiet sabiex jitwieżnu s-sigurtà u l-iżvilupp -L-għoti tas-setgħa lis-sħab sabiex jipprevjenu u jiġġestixxu l-kriżijiet, (JOIN (2015) 17 final), 28.4.2015.

Anness II: Glossarju

Dan il-glossarju jistabbilixxi kif ċerti termini użati frekwentement huma użati f'dan id-dokument.

Approċċ doppju

Sa mill-1996, il-Kummissjoni impenjat ruħha li ssegwi 'approċċ doppju' lejn ir-realizzazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Dan l-approċċ jinvolveja l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki kollha, filwaqt li jimplementa wkoll miżuri speċifiċi sabiex jiġu eliminati, evitati u rimedjati l-inugwaljanzi bejn is-sessi. Iż-żewġ approċċi jimxu id f'id, u wieħed ma jistax jissostitwixxi lill-ieħor⁶².

Azzjonijiet speċifiċi

Miżuri mmirati lejn grupp partikolari u maħsuba biex jeliminaw u jipprevjenu d-diskriminazzjoni jew biex jikkompensaw għall-iżvantaġġi li jirriżultaw minn attitudnijiet, imġiba u strutturi eżistenti. Azzjoni bil-għan li tiffavorixxi l-aċċess minn membri ta' ċerti kategoriji ta' persuni, f'dan il-każ partikolari, in-nisa, għal drittijiet li huma garantiti, bl-istess mod lill-membri ta' kategoriji oħra, f'dan il-każ partikolari, l-irġiel⁶³.

Ġeneru

Il-ġeneru jirreferi għall-attributi soċjali u l-opportunitajiet assoċjati mal-fatt li persuna tkun mara jew raġel u r-relazzjonijiet bejn in-nisa u l-irġiel u l-bniet u s-subien, kif ukoll ir-relazzjonijiet bejn in-nisa u dawk bejn l-irġiel. Dawn l-attributi, l-opportunitajiet u r-relazzjonijiet huma mibnija soċjalment u huma miksuba permezz tal-proċessi ta' soċjalizzazzjoni. Huma speċifiċi għall-kuntest/iż-żmien u jistgħu jinbidlu. Il-ġeneru jiddetermina x'inhu mistenni, permess u vvalutat f'mara jew raġel f'kuntest partikolari.

⁶² <https://eige.europa.eu/gender-mainstreaming/what-is-gender-mainstreaming>.

⁶³ http://eige.europa.eu/gender-mainstreaming/concepts-and-definitions#Specific_actionmeasure

Il-ġeneru mhuwiex sinonimu għall-kelma "sess". Sess tmur lura għad-differenzi bijoloġiċi bejn l-irġiel u n-nisa. Dawn id-differenzi huma universali u mhux marbutin maż-żmien. Dawn ma jvarjawx la fl-ispazju (pajjiżi differenti) u lanqas fiż-żmien (perjodi differenti⁶⁴).

F'ħafna soċjetajiet, hemm differenzi u inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel fir-responsabbiltajiet assenjati, l-attivitajiet imwettqa, l-aċċess għar-riżorsi u l-kontroll fuqhom, kif ukoll fl-opportunitajiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Il-ġeneru huwa parti mill-kuntest soċjokulturali aktar ġenerali. Kriterji importanti oħra għall-analiżi soċjokulturali jinkludu l-klassi, ir-razza, il-livell ta' faqar, il-grupp etniku, ir-reliġjon u l-età. Ir-rwoli u r-relazzjonijiet bejn is-sessi spiss jinbidlu matul u wara konflitt armat. Huwa importanti li jiġi nnotat li l-ġeneru mhuwiex biss dwar in-nisa, iżda huwa dwar differenzi mibnija b'mod soċjali f'sitwazzjonijiet bejn in-nisa u l-irġiel, li jistgħu jwasslu għal differenzi fl-aċċess għall-poter, is-saħħa, l-għarfien eċċ. Il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi għalhekk tikkonċerna wkoll ir-rwol tal-irġiel.

Ugwaljanza bejn is-sessi

Dan jirreferi għad-drittijiet, ir-responsabbiltajiet u l-opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel u l-bniet u s-subien. L-ugwaljanza ma tfissirx li n-nisa u l-irġiel ser isiru l-istess iżda li d-drittijiet, ir-responsabbiltajiet u l-opportunitajiet tan-nisa u tal-irġiel mhux ser jiddependu mis-sess tat-twelid. L-ugwaljanza bejn is-sessi timplika li l-interessi, il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet kemm tan-nisa u kif ukoll tal-irġiel jiġu kkunsidrati, filwaqt li tiġi rikonoxxuta d-diversità ta' gruppi differenti ta' nisa u rġiel. L-ugwaljanza bejn is-sessi mhix kwistjoni tan-nisa, iżda għandha tikkonċerna u timpenja b'mod sħiħ lill-irġiel kif ukoll in-nisa. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija meqjusa kemm bħala kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll bħala prekontidizzjoni għal, u indikatur ta', żvilupp sostenibbli ċċentrat fuq in-nies⁶⁵.

⁶⁴ <http://eige.europa.eu/gender-mainstreaming/concepts-and-definitions>

⁶⁵ <http://eige.europa.eu/gender-mainstreaming/concepts-and-definitions>

Integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi

L-integrazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi hija r-(ri)organizzazzjoni, it-titjib, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni tal-proċessi ta' politika, sabiex tiġi inkorporata perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-linji politiċi kollha u l-livelli kollha u l-istadji kollha, mill-atturi li normalment ikunu involuti fit-tfassil tal-politika⁶⁶. L-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi hija l-proċess ta' valutazzjoni tal-implikazzjonijiet għan-nisa u l-irġiel ta' kwalunkwe azzjoni pplanata, inkluż il-leġislazzjoni, il-politiki jew il-programmi, fl-oqsma kollha u fil-livelli kollha. Hija mod kif it-tfassil u l-esperjenzi tan-nisa u tal-irġiel isiru dimensjoni integrali tat-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki u l-programmi fl-isferi politiċi, ekonomiċi, u soċjetali kollha sabiex in-nisa u l-irġiel jibbenefikaw b'mod ugwali, u l-inugwaljanza ma tissoktax. L-għan aħħari huwa li tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi⁶⁷.

L-azzjoni esterna kollha tal-UE f'żoni affettwati minn kunflitti u f'sitwazzjonijiet fraġli għandha tkun ibbażata fuq l-analiżi rigoruża bbażata fuq analiżi soda tal-ġeneru, bl-ambizzjoni li jiġu eliminati r-relazzjonijiet soċjali u n-normi soċjali kunflittwali.

Kull politika ta' prevenzjoni tal-kunflitti u kull politika oħra implimentata f'sitwazzjonijiet milquta minn kunflitti jew f'sitwazzjoni ta' riskju għandha tiżviluppa objettivi speċifiċi rigward l-ugwaljanza bejn is-sessi li ser tipprovdi bażi soda għal approċċi inklużivi fir-rigward tal-ġeneru u l-monitoraġġ tal-progress. Parti importanti tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi hu li jiġi żgurat li l-għanijiet ġenerali kollha ikunu sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru (eż. jinstallaw kriterji trasparenti u sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru għal pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet), li tista' twassal għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fi proċess ġenerali.

⁶⁶ <https://www.coe.int/en/web/genderequality/what-is-gender-mainstreaming>

⁶⁷ <http://eige.europa.eu/gender-mainstreaming/concepts-and-definitions>

Analiżi tal-ġeneru

L-analiżi tal-ġeneru hija eżami kritiku ta' kif id-differenzi fir-rwoli tal-ġeneri, l-attivitajiet, il-ħtiġijiet, l-opportunitajiet u d-drittijiet/intitolamenti tagħhom jaffettwaw lill-irġiel, lin-nisa, lill-bniet u lis-subien f'ċerti sitwazzjonijiet jew kuntesti. L-analiżi tal-ġeneru teżamina r-relazzjonijiet bejn nisa u rġiel u l-aċċess tagħhom għal u l-kontroll tar-riżorsi u r-restrizzjonijiet li jiffaċċjaw b'mod relattiv għal xulxin. L-analiżi tal-ġeneru għandha tkun integrata f'kull valutazzjoni tas-settur jew analiżi tas-sitwazzjoni biex tiżgura li l-inġustizzji u l-inugwaljanzi bbażati fuq il-ġeneru mhumiex iggravati mill-azzjoni li tkun qed tittieħed u li fejn possibbli, jiġu promossi aktar ugwaljanza u ġustizzja fir-relazzjonijiet bejn il-ġeneri.

Sabiex ikun żgurat li ma jagħmlux ħsara, jeħtieġ li l-azzjonijiet kollha tal-UE f'sitwazzjonijiet affettwati minn kunflitti u f'sitwazzjonijiet fraġli jiġu infurmati permezz ta' analiżi tal-kunflitt li tinkorpora analiżi soda tal-ġeneru, jiġifieri, l-azzjoni tqis is-sitwazzjoni potenzjalment differenti tan-nisa u l-irġiel u r-relazzjonijiet ta' poter bejn il-partijiet differenti tal-popolazzjoni fl-istituzzjonijiet formali u informali kollha f'soċjetà.

L-analiżi tal-ġeneru ser tikxef tendenzi ta' inklużjoni u esklużjoni, ibbażati fuq il-ġeneru u l-firxa ta' fatturi oħrajn bħall-klassi soċjoekonomika, l-etniċità u r-reliġjon, l-età, id-(diż)abbiltà, l-orijini ġeografika, l-orjentazzjoni sesswali, l-istat ċivili, il-filjazzjoni, il-livell ta' edukazzjoni, eċċ. u għaldaqstant hija komponent kritiku ta' sitwazzjoni sinifikattiva u l-analiżi tal-kunflitti.

Vjolenza sesswali u sessista (SGBV)

Il-vjolenza sesswali u sessista hija terminu globali għal kwalunkwe att ta' ħsara li jitwettaq kontra r-rieda ta' persuna, u li huwa bbażat fuq differenzi (tal-ġeneru) li jkunu ffurmati soċjalment bejn l-irġiel u n-nisa. L-atti tal-vjolenza sesswali u sessista jiksru numru ta' drittijiet tal-bniedem universali protetti minn strumenti u konvenzjonijiet internazzjonali. Ħafna forom ta' vjolenza sesswali u sessista — iżda mhux kollha — huma atti illegali u reati kriminali fil-liġijiet u l-politiki nazzjonali. Madwar id-dinja, il-vjolenza sesswali u sessista taffettwa aktar nisa u bniet milli rġiel u subien. Madankollu, huwa importanti li jiġi nnotat li l-irġiel u s-subien jistgħu jkunu wkoll vittmi ta' vjolenza sessista, inkluż vjolenza sesswali.

Ma hemmx qbil dwar definizzjoni ta' vjolenza sesswali. Dawk applikati b'mod komuni jinkludu kwalunkwe att ta' natura sesswali jew tentattiv li jinkiseb att sesswali mwettaq permezz ta' sfurzar.

L-istupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali, meta mwettqa fil-kuntest ta' kunflitt armat internazzjonali jew mhux internazzjonali, jikkostitwixxu ksur tal-liġi umanitarja internazzjonali. Il-partijiet kollha f'kunflitt armat kollha għandhom jirrispettaw il-projbizzjoni tal-vjolenza sesswali.

L-istati kollha għandhom l-obbligu li jaraw li ssir prosekuzzjoni tal-awturi. L-istupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali huma pprojbiti skont il-liġi tat-Trattat (ir-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra, kif ukoll il-Protokolli Addizzjonali I u II) u d-dritt konswetudinarju applikabbli f'kunflitt armat kemm internazzjonali kif ukoll mhux internazzjonali⁶⁸.

⁶⁸ <https://www.icrc.org/en/document/sexual-violence-armed-conflict-questions-and-answers>
<https://www.icrc.org/eng/resources/documents/statement/2013/united-nations-women-statement-2013-10-16.htm>

'Vjolenza sessista' u 'vjolenza kontra n-nisa' huma termini li spiss jintużaw mingħajr distinzjoni peress li l-maġġoranza ta' vjolenza sessista ssir minn irġiel fuq nisa u bniet. Madankollu, huwa importanti li jinżamm l-aspett 'sessista' tal-kunċett peress li dan jenfasizza l-fatt li l-vjolenza kontra n-nisa hija espressjoni tal-inugwaljanzi fil-poter bejn in-nisa u l-irġiel⁶⁹.

Il-vjolenza sesswali hija meta l-awtur iwettaq att ta' natura sesswali kontra persuna waħda jew aktar jew iġiegħel lit-tali persuna jew persuni jinvolvu ruħhom f'att ta' natura sesswali bil-forza, jew b'theddida ta' forza jew sfurzar, bħal pereżempju dik ikkawżata minn biża' ta' vjolenza, pressjoni, detenzjoni, oppressjoni psikoloġika jew abbuż ta' poter, kontra t-tali persuna jew persuni jew persuna oħra, jew billi jittieħed vantaġġ minn ambjent koerċittiv jew l-inkapaċità tat-tali persuna jew persuni li jagħtu kunsens ġenwin⁷⁰.

Sfruttament u abbuż sesswali (SEA)

L-isfruttament sesswali jfisser kwalunkwe abbuż effettiv jew tentattiv ta' abbuż ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà, differenza fil-poter jew fiduċja, għal finijiet sesswali, inkluż, iżda mhux biss limitat għal, gwadann ta' flus, gwadann soċjali jew politiku mill-isfruttament sesswali ta' persuna oħra. L-abbuż sesswali jfisser l-intrużjoni fiżika effettiva jew mhedda ta' natura sesswali, kemm jekk bil-forza kif ukoll jekk taħt kondizzjonijiet mhux ugwali jew koerċittivi⁷¹.

L-UE ser tiżgura tolleranza żero tal-isfruttament u l-abbuż sesswali. Dan ser jinkiseb billi jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' responsabbiltà għall-persunal kollu tal-UE, impjegat, skjerat jew ta' appoġġ b'xi mod ieħor, inklużi dawk ikkuntrattati jew issekondati. Il-mekkaniżmi ser jindirizzaw fil-pront, b'mod effettiv u ġust kwalunkwe allegazzjoni ta' sfruttament u abbuż sesswali.

Mekkaniżmi li jittrattaw ksur ta' kodiċijiet ta' kondotta u standards ta' mġiba huma kwistjoni għall-ġerarkija maniġerjali u r-riżorsi umani, u mhux il-konsulenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

⁶⁹ <http://eige.europa.eu/gender-based-violence/what-is-gender-based-violence>

⁷⁰ Elements of Crimes of the International Criminal Court.

⁷¹ F'konformità mal-istandards tan-NU (ST/SGB/2003/13) u d-definizzjoni użata fl-Istandards Ġeneriċi ta' Mġiba Aġġornati minn Marzu 2018 (6877/18).

Monitoraġġ

Proċess kontinwu ta' traċċar ta' informazzjoni permezz ta' parametri speċifiċi u ta' żgurar li jintlaħqu l-oġġettivi.

Rieżami

Valutazzjoni perjodika tal-prestazzjoni ta' intervent, b'enfasi partikolari fuq id-dimensjonijiet operattivi.

Evalwazzjoni

Użu sistematiku tal-evidenza biex jiġi vvalutat kemm il-politiki qed jiksbu l-oġġettivi tagħhom b'mod adegwat, u, ferm importanti, għala dawn huma jew mhumiex effettivi.

Anness III UNSCR 1325 u r-Riżoluzzjonijiet sussegwenti tal-KSNU dwar id-WPS

L-UNSCR 1325, adottata fil-31 ta' Ottubru 2000, hija l-ewwel riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà li tindirizza l-impatt sproporzjonat u uniku tal-kunflitt armat fuq in-nisa. L-UNSCR 1325 tirrinforza l-impenji legali u l-konvenzjonijiet internazzjonali u reġjonali preċedenti rilevanti għad-WPS1 u tistabbilixxi serje ta' prinċipji ġodda. Hija tenfasizza l-ħtieġa tal-parteċipazzjoni ugwali u sinifikattiva tan-nisa bħala aġenti attivi fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti, in-negozjati għall-paċi, il-bini tal-paċi, iż-żamma tal-paċi, ir-rispons umanitarju u r-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitt. Hija ssejjaħ lill-Istati Membri biex jiżguraw parteċipazzjoni ugwali u involviment sħiħ tan-nisa fl-isforzi kollha għaż-żamma u l-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà. Barra minn hekk, din tteġġeg lill-atturi kollha biex iżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa u jinkorporaw perspettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isforzi kollha tan-Nazzjonijiet Uniti għall-paċi u s-sigurtà, inkluż id-demobilizzazzjoni, id-diżarm u r-reintegrazzjoni (DDR) u r-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS).

Fid-19 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 1820 dwar il-Vjolenza Sesswali f'Kunflitt (SVC), li torbot espliċitament il-vjolenza sesswali bħala tattika tal-gwerra maż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali. L-UNSCR 1820 tirrinforza r-Riżoluzzjoni 1325 billi tirrikonoxxi li l-vjolenza sesswali hija spiss mifruxa u sistematika u tista' timpedixxi li jitteġġgħu lura l-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Il-Kunsill tas-Sigurtà issa għandu mandat ċar biex jindirizza l-vjolenza sesswali u sessista, inkluż permezz ta' sanzjonijiet u taħriġ li jagħti lill-persunal fuq il-post il-kapaċità li jipprevjeni u jwieġeb għal dawn il-kwistjonijiet. Ir-riżoluzzjoni tissottolinja li l-vjolenza sesswali mwettqa minn persuni armati kontra ċivili tikkostitwixxi delitt tal-gwerra u titlob lill-partijiet għall-kunflitt armat biex jieħdu miżuri xierqa minnufih biex jipproteġu liċ-ċivili minn vjolenza sesswali, inkluż truppi ta' taħriġ u infurzar ta' miżuri dixxiplinarji.

Ir-Riżoluzzjoni 1888 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, adottata fit-30 ta' Settembru 2009, ittenni li l-vjolenza sesswali qed iżżid il-kunflitt armat u tfixxkel il-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Ir-riżoluzzjoni ssejjaħ ukoll lill-mexxejja biex jindirizzaw il-vjolenza sesswali relatata mal-kunflitt, u titlob għall-iskjerament ta' timijiet ta' esperti fejn iseħħu każijiet ta' vjolenza sesswali fil-kunflitt. Ir-Riżoluzzjoni sussegwenti nru 1889 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, adottata fil-5 ta' Ottubru 2009, tiffoka fuq il-bini tal-paċi wara l-kunflitt u fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-istadji kollha tal-proċessi ta' paċi u tappella għall-iżvilupp ta' indikaturi li jkejlu l-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 (2000).

Fis-16 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 1960, li ttenni l-appell biex tintemm il-vjolenza sesswali f'kunflitt filwaqt li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' elenkar. Ir-riżoluzzjoni tibgħat messaggġ politiku dirett li hemm il-konsegwenzi għall-vjolenza sesswali inkluż: elenkar fir-rapporti annwali tas-Segretarju Ġenerali, riferimenti għall-kumitati tas-sanzjonijiet tan-NU u għall-QKI, kundanna internazzjonali u l-kumpens.

Ir-Riżoluzzjoni 2106 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ġiet adottata fl-24 ta' Ġunju 2013 bil-għan li jitħaddmu l-obbligi attwali dwar l-UNSCR 1325 u jingħata segwitu aktar milli jinħolqu strutturi u inizjattivi ġodda. Barra minn hekk, din tiffoka fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali u tappoġġa r-rikors għal mezzi ta' ġustizzja.

Fit-18 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 2122 li tistabbilixxi metodi konkreti għall-ġlieda kontra d-defiċit ta' parteċipazzjoni tan-nisa u tirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-kunflitti armati u r-riskji ta' sigurtà li jiffaċċjaw in-nisa, waqt li tafferma b'mod espliċitu l-ħtieġa għal 'approċċ integrat' għall-paċi sostenibbli. Ir-riżoluzzjoni torbot ukoll id-diżarm u l-ugwaljanza bejn is-sessi billi ssemmi t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT).

Ir-Riżoluzzjoni 2242 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, adottata fit-13 ta' Ottubru 2015, thegħgeġ il-valutazzjoni ta' strateġiji u riżorsi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Aġenda dwar id-WPS u titlob għal aktar fondi għal programmi, analiżi u taħriġ sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru. Fl-istess ħin, din tenfasizza l-importanza ta' kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili u tinsisti li l-ġeneru għandu jittqies bħala kwistjoni trasversali bħala parti mill-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti / aġendi tal-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Barra minn hekk, l-Aġenda dwar id-WPS tkabbret aktar permezz ta' żewġ Riżoluzzjonijiet sussegwenti tal-KSNU, jiġifieri UNSCR 2272 (2016) dwar l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali (SEA) u l-UNSCR 2331 (2016) dwar it-Traffikar ta' Persuni f'Sitwazzjonijiet ta' Kunflitt.

Anness IV: Inventarju ta' politika mhux eżawrjenti dwar id-WPS

- Approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2008 — dok. 15671/1/08)
- Indikaturi għall-Approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà (2010 — dok. 11948/10)
- Rapport dwar l-indikaturi tal-UE għall-Approċċ Komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tal-UNSCRs 1325 u 1820 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà (2011 - dok. 9990/11)
- Implimentazzjoni tal-UNSCRs dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK (2012 — dok. 5799/12).
- Il-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2012 — dok. 11855/12)
- It-Tieni Rapport dwar l-Indikaturi tal-UE għall-Approċċ Komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tal-UNSCRs 1325 u 1820 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà (2014 –dok. 6219/14)
- 'Non Paper on Ending Sexual Violence in Conflict — A Guide to Practical actions at EU level' (2014 — dok. PSC MD 155/14)
- Report on the progress of the 'Non Paper on Ending Sexual Violence in Conflict — A Guide to Practical actions at EU level' (2015)
- The EU input to the Global Study on WPS (2015 — dok. 7595/15)
- Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016–2020 fir-relazzjonijiet esterni tal-UE (2015 – dok. 13201/15) u d-Dokument ta' Ħidma Konġunta tal-Persunal tal-Kummissjoni relatat (2015 — dok. SWD (2015) 182 final)
- L-Impenn Strateġiku tal-Kummissjoni għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016–2019 (2015 — dok. SWD (2015) 278 final)
- Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015 — dok. 10897/15)
- 15th anniversary and Global Review of UNSCR 1325 on Women, Peace and Security — Commitments of the EU and its Member States (2015 — dok. 12904/15)

- Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea (2016)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea (2016 — dok. 13202/16)
- Strateġija Globali tal-UE: pjan ta' implimentazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża (2016 — dok. 14392/16)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE fil-qasam tas-Sigurtà u d-Difiża (2016 — dok. 14149/16)
- Rapport dwar l-Istudju ta' Riferiment dwar l-Integrazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dimensjoni tas-Sessi fil-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (2016 — dok. 15726/16)
- Kodiċi ta' Kondotta u ta' Dixxiplina għal Missjonijiet Ċivili tal-PSDK tal-UE (2016 — dok. 12076/16)
- L-Istandards Ġeneriċi ta' Mgħiba Aġġornati għal Missjonijiet u Operazzjonijiet tal-PSDK (2018 — dok. 6877/18)
- Indikaturi riveduti għall-Approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tar-Risoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà (2016 — dok. 10805/16)
- Second Report on the progress of the 'Non Paper on Ending Sexual Violence in Conflict — A Guide to Practical actions at EU level' (2016 — dok. PSC MD 17/16)
- Third Report on the progress of the 'Non Paper on Ending Sexual Violence in Conflict — A Guide to Practical actions at EU level' (2016 — dok. 14329/16)
- 2017/NON-PAPER EEAS PAG informal ROADMAP & WORK PLAN on Gender/Gender Equality, Women's Empowerment and the implementation of UNSC Resolution 1325 on Women, Peace and Security (2017 — dok. WK 665/2017 INIT)
- Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp (2017 — dok. 9459/17) Komunikazzjoni Konġunta — Approċċ Strateġiku għar-Reżiljenza fl-azzjoni esterna tal-UE (2017 — dok. JOINT (2017) 21 final.